# Il-fdalijiet ta' San Pietru Appostlu:
## Mill-Qabar fqir fl-art sas-Sejba tagħhom f'nofs is-Seklu Għoxrin

*Infakkru l-50 sena anniversarju mill- awtentikazzjoni tal-fdalijiet ta' San Pietru App. mill-Papa Pawlu VI*

**Josef Schembri**

**Introduzzjoni**

Is-sena li għaddiet is-Soċjetà tagħna ċċelebrat bil-kbir l-1,950 sena mill-martirju ta' San Pietru. Din is-sena s-Soċjetà qed tfakkar anniversarju ieħor importanti li għandu ħafna x'jaqsam ma' dak tas-sena li għaddiet. Jekk tas-sena li għaddiet kien anniversarju Pawlin u Petrin fl-istess ħin, ta' din is-sena huwa esklussivament Petrin! Fi Frar li għadda, il-Banda tas-Soċjetà temmet l-anniversarju tal-martirju u fetħet l-anniversarju tal-awtentikazzjoni tal-fdalijiet ta' San Pietru bi programm sinfoniku u vokali tal-ogħla kalibru fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina. Iva, hekk hu. Din is-sena qed niċċelebraw il-50 sena minn mindu l-Papa Beatu Pawlu VI, fis-26 ta' Ġunju 1968 kien iddikkjara li l-fdalijiet li kienu nstabu taħt il-kripta tal-artal ewlieni tal-Vatikan kienu dawk veri u proprja tal-Appostlu San Pietru. Din it-tħabbira hekk għall-għarrieda issummat lil kulħadd u fl-istess ħin imliet lill-Kattoliċi kollha b'ferħ kbir.

F'din il-kitba se nagħti xi ħjiel importanti dwar id-difna ta' San Pietru u x'seta' ġara mill-fdalijiet tiegħu matul is-sekli. Fl-aħħar naraw x'wassal lil Dr. Margherita Guarducci biex tikkonvinċi lill-Papa Pawlu VI jiddikkjara li l-fdalijiet li kienu nstabu kienu dawk awtentiċi ta' San Pietru. F'kitba bħal din ma tistax iddaħħal id-dettalji kollha. Hemm ħafna letteratura fuq dan is-suġġett. F'din il-kitba se nkun qed inmiss biss mal-aktar mumenti importanti u drammatiċi tas-sejba tal-fdalijiet ta' San Pietru.

**Il-Pellegrin, il-Vatikan u l-Fdalijiet ta' San Pietru**

Ħafna pellegrini li marru fuq il-qabar ta' San Pawl fil-*'Basilica di San Paolo fuori le mura'* żgur li setgħu faċilment jilmħu b'għajnejhom il-qabar antik fejn kien tpoġġa l-appostlu San Pawl wara l-martirju tiegħu, imma min imur il-Vatikan din ir-rabta intima mal-qabar u l-fdalijiet tal-Appostlu San Pietru ma jistax iħossha. Ħafna drabi l-pellegrin idur dawra mal-artal u jilmaħ dak it-taraġ li jagħti għal isfel, li jieħdok fiż-żona magħrufa bħala l-*confessio* imma jingħad li f'din iż-żona jitħallew biss jidħlu dawk li huma saċerdoti u qassisin. Imma anke jekk hu hekk, issib min jaħseb li fil-*confessio*, f'dik in-niċċa ċkejkna li hemm fit-tarf taż-żewġ turġien nofs tondi, wieħed isib il-fdalijiet tal-Appostlu San Pietru. Fil-verità mhux hekk, għax f'dik in-niċċa jitpoġġew biss il-palji (faxxa) li l-Papa jlibbes lill-Isqfijiet il-ġodda f'ċerimonja apposta. Sa qabel is-sittinijiet tas-seklu l-ieħor, il-fdalijiet ta' San Pietru kienu 'leġġenda' jew aħjar 'tradizzjoni'. Kien jingħad li l-fdalijiet tiegħu jinstabu midfuna taħt l-artal, imma s'hemm biss. Ħadd ma kien għadu ra b'għajnejh dawn il-fdalijiet, lanqas il-Papiet.

Is-sejba tal-fdalijiet ta' San Pietru hija waħda mill-iktar ġrajjiet intriganti u sensazzjonali fl-istorja tal-arkeoloġija tas-snin sittin tas-seklu l-ieħor, is-seklu għoxrin. Ġieli kien hawn min qal li din is-sejba kienet sensazzjonali daqs is-sejba tas-sarkofagu tal-fargħun Tutankhamun tal-Eġittu fl-1922. Aparti l-fdalijiet ta' San Pietru li jmorru lura kważi elfejn sena, l-istorja li wasslet għas-sejba ta' dawn il-fdalijiet hija mimlija bi żvolti improvviżi, u anke b'kumbinazzjonijiet li fl-aħħar wasslu sabiex il-fdalijiet tal-Appostlu tagħna San Pietru setgħu jiġu identifikati. Sa ftit snin ilu l-eżistenza tal-qabar u l-fdalijiet ta' San Pietru taħt l-artal tal-Vatikan kienu meqjusa biss bħala 'leġġenda'. Il-ħafna tibdil strutturali li saru tul is-sekli fuq l-artal li naraw fil-Bażilika tal-lum u dik li kien hemm qabilha, kompla jidfen 'l isfel il-qabar ta' San Pietru. Minħabba li l-qabar ta' San Pietru kompla dejjem jitgħatta taħt strutturi u artali ġodda, il-memorja tiegħu spiċċat intilfet mas-snin u n-nies baqgħu jsemmuh imma fil-forma ta' tradizzjoni. Meta lejn nofs is-seklu dsatax l-arkeologu famuż Giovanni Battista de Rossi, ġie mistoqsi mill-Papa Pio IX dwar il-possibbiltà li jinstabu l-fdalijiet ta' San Pietru, dan kien qallu *'Dak kollu ħolm, emminezna, kollu ħolm'*. Giovanni Battista de Rossi kien arkeologu kbir li għex bejn l-1822 sa 1894 u kien sab il-katakombi antiki u moħbija ta' San Kallistu.

**Il-Martirju fiċ-Ċirku ta' Neruni jew x'imkien fil-qrib**

Is-sena li għaddiet ktibna b'mod estensiv fuq tliet prinċipji importanti li jirrigwardaw il-martirju ta' San Pietru Appostlu: (1) Ruma bħala l-post fejn ħa l-martirju (2) It-13 t'Ottubru 64 A.D. bħala l-ġurnata li fiha ħa l-martirju San Pietru Appostlu (3) il-modalità li




Naraw pjanta antika ta' Ruma bl-għolja tal-Vatikan u eżatt taħta l-Bażilika tal-Vatikan u l-Amfiteatru ta' Neruni, jew iċ-ċirku tan-Neruni. Iż-żewġ binjiet ma kienux jeżistu fl-istess epoka. L-għan ta' din il-mappa hija li turi li l-post fejn telgħet il-bażilika kien l-istess post fejn San Pietru ħa l-martirju u ġie midfun.

biha ħa l-martirju, jiġifieri l-mewta tal-kruċifissjoni imma rasu 'l isfel. Għal dawn it-tliet prinċipji fundamentali tajna diversi testimonjanzi li ġew miktuba minn storiċi, saċerdoti, u isqfijiet li kienu jgħixu fiż-żmien l-epoka Rumana.

It-tradizzjoni tgħid li San Pietru ħa l-martirju fuq is-salib rasu 'l isfel fiċ-Ċirku ta' Neruni eżatt fiċ-ċentru fejn kien hemm dak l-Obelisk Eġizzjan li 'llum jinsab proprju f'Piazza San Pietro. Hemm oħrajn li jsostnu li seta' ħa l-martirju fil-ġonna fuq l-għolja Vatikani proprjetà tal-Imperatur Neruni. Żgur imma li l-martirju ma ħadux fil-Kolossew kif hawn ħafna min jaħseb. Tant hu hekk li sa dak iż-żmien il-Kolossew kien għadu ma nbeniex! Fuq id-difna tiegħu jew il-post preċiż fejn indifen, it-tradizzjoni kienet tgħid biss li San Pietru ndifen eżatt fil-punt fejn hemm l-artal tal-Vatikan. Fejn issoltu l-kitbiet apokrifi jimlew ħafna mill-vojt li jħallulna l-kitbiet ispirati tal-Bibbja, f'dan il-każ lanqas fuq din il-materja ma nsibu daqstant informazzjoni ħlief f'wieħed, fl-*Atti ta' San Pietru*, fejn insibu miktub li ċertu Marcellus, Senatur Ruman ikkonvertit għall-Kristjaneżmu minn San Pietru stess, ħa l-ġisem mejjet tiegħu, ħaslu fil-ħalib u fl-inbid ifuħ u wara poġġieh ġo sarkofagu mimli għasel u ħxejjex aromatiċi. Ħafna jsostnu li l-probabiltà l-kbira hija li xi insara tal-bidu setgħu xaħmu xi suldati biex jieħdu l-ġisem mejjet ta' San Pietru u jidfnuh jew inkella serqu l-katavru tiegħu. Jingħad li dak iż-żmien meta kienu jaqilgħu xi ġisem mejjet minn mas-salib kienu jaqtgħuh minn saqajh biex jeħilsu malajr, bl-eċċezzjoni ta' Ġesù, li kif nafu, biex isseħħ il-profezija lanqas saqajh ma kienu kissrulu kif kienet użanza dak iż-żmien. Il-qtugħ tal-pala tas-sieq kien fattur importanti għall-identifikazzjoni tal-fdalijiet li nstabu taħt l-artal tal-Vatikan.

**Id-difna sempliċi fl-art fuq l-Għolja tal-Vatikan**

Kif kienet fit-tradizzjoni tal-insara tal-bidu dawn difnuh x'imkien fil-qrib tal-post fejn ħa l-martirju. Filfatt maġenb iċ-ċirku ta' Neruni kien hemm triq jisimha *Via Cornelia*, li ġieli nsibuha wkoll bħala *Via Aurelia* u anke kien hemm *Via Triumphalis*. Ma ninsewx li ċ-Ċirku ta' Neruni dak iż-żmien kien barra mis-swar tal-belt ta' Ruma, allura dawk kollha li ġew maqtula fiċ-Ċirku ta' Neruni setgħu jindifnu fil-viċinanzi. Barra minn hekk l-għolja tal-Vatikan hija msemmija għall-alla 'Vatica' li għar-Rumani kienet l-alla tal-ħajja ta' wara u huwa għalhekk li fl-għolja tal-Vatikan konna nsibu ċimiterju (nekropoli) pagan. Għall-ewwel dan seta' kien ċimiterju modest imma maż-żmien fl-istess post telgħu diversi *mausoleums* ta' familji sinjuri pagani Rumani. *Mausoleums* ikunu bħall-kappelli li nsibu 'llum fiċ-ċimiterji tagħna. It-tradizzjoni tgħid li ġisem San Pietru ndifen hemmhekk f'xi qabar ta' xi familja sinjura nisranija, f'qabar forma ta' kamra taħt l-art li għaliha kont tinżel b'taraġ. Ġisem San Pietru kien tpoġġa f'sarkofagu u tpoġġha f'nofs il-kamra. Imma Margherita Guarduci, l-arkeologa u l-epigrafista famuża li rabtet isimha darba għal dejjem mas-sejba tal-fdalijiet awtentiċi ta' San Pietru hija tal-fehma li San Pietru x'aktarx indifen fl-art normali x'imkien qrib iċ-ċirku ta' Neruni u l-ewwel insara kienu żammew il-post b'sigriet. Ma ninsewx li l-persekuzzjoni kontra l-insara kienet għadha qawwija. Ħadd ma seta' joqgħod jiftaħar li sejjer jitlob fuq il-qabar ta' xi Kristjan.

**Il-Qabar fl-ewwel snin tiegħu**

Il-post fejn indifen San Pietru ma jidhirx li ntesa. Fil-bidu, il-perimetru tal-qabar tiegħu li kien imħaffer fl-art, kien miżmum tajjeb



Disinn cross-section taċ-ċirku ta' Neruni fejn Pietru ngħata l-martirju. Skont l-istoriċi San Pietru ssallab eżatt fejn l-obelisk f'nofs l-amfiteatru. Meta nbniet il-Bażilika tal-Vatikan li naraw illum dan l-obelisk tmexxa għal nofs Piazza San Pietro. Dan l-obelisk ra lil San Pietru quddiemu jieħu l-martirju. San Pietru ndifen fin-nekropoli li kien hemm wara dik l-istruttura li tidher bil-koppla magħha.




Rikostruzzjoni tad-diversi mausolei (kmamar kbar funerarji) li nstabu taħt il-Bażilika tal-Vatikan.




Dehra tan-Nekropoli kif kienet tidher fuq l-għolja tal-Vatikan. Innutaw kif l-art kienet inklinata fuq għolja.

SAN PIETRU APP.



Dehra 3-d ta' kif kien jidher il-qabar ta' San Pietru fiċ-ċimiterju meta ttellgħa l-Ħajt l-Aħmar u l-monument ta' Gaius (160 A.D.) F'dan id-diagram Wall G, il-Ħajt tal-Graffiti kien għadu ma nbeniex.



Mudell 3-d li jinsab fil-Mużew tal-Iskavi tan-Nekropoli ta' taħt il-Vatikan li juri l-monument li kien tpoġġa mal-Ħajt l-Aħmar fuq il-qabar ta' San Pietru Appostlu. Dan il-monument inbena fl-istess żmien li nbena l-Ħajt l-Aħmar (Red Wall) madwar 160 A.D. u kellu wkoll qisha xkaffa tat-travertin isserraħ bejn il-ħajt u żewġ kolonni ħerġin 'il barra. Isfel nett jidher il-qabar ta' San Pietru mħaffer fl-art. Il-monument li nbena fuq il-qabar ta' San Pietru huwa magħruf bħala il-monument ta' Gaius jew it-trofew ta' Gaius. Dan għaliex kien 'Gaius', qassis Kristjan Ruman li semmieh għall-ewwel darba fil-kitba tiegħu. Dan il-monument ġieli jirreferu għalih ukoll bħala Tropaion.

ħafna. Sa dak iż-żmien in-numru ta' *mausoleums* kien veru ftit u jidher li kienu 'l bogħod minnu. Hawnhekk huwa wkoll importanti li ngħidu li l-qabar ta' San Pietru kien qisu fuq telgħa u mhux fuq art ċatta. Ma ninsewx li hemmhekk kien hemm l-għolja Vatikana u l-art kienet qisha ġo telgħa. Interessanti wkoll li ngħidu li tant kemm kien popolari l-qabar tiegħu li diversi nsara kienu jagħżlu li jindifnu qribu. Xhieda ta' dan huma d-diversi oqbra li nstabu fl-art fejn il-qabar ta' San Pietru. Din id-devozzjoni lejn il-qabar ta' San Pietru baqgħet b'saħħitha anke fis-sekli ta' wara.



Prospettiva interessanti ħafna tan-Nekropoli Vatikana kif kienet tidher min-naħa tan-nofsinhar. Il-qabar ta' San Pietru jinsab 'il fuq u fuq id-dagram huwa mmarkat b'ittra 'P'. Innutaw id-diżlivell fl-art. Prattikament taħt il-qabar ta' San Pietru kien hemm mausolei oħrajn. Innutaw il-Ħajt l-Aħmar (Red Wall) u l-monument ta' Gaius eżatt fejn kienu difnu lil San Pietru. Innutaw kif wara l-Ħajt l-Aħmar (Red Wall) hemm passaġġ bit-taraġ li jitla' l-għolja u jgħaddi eżatt minn wara l-Ħajt l-Aħmar. Dan il-passaġġ ruman jissejjaħ clivus.

### Jitla' ħajt fuq il-qabar ta' San Pietru (*Red Wall*) u jitwahhal monument mieghu

Lejn is-sena 160 A.D. in-numru ta' *mausoleums* pagani beda kulma jmur jiżdied. Dawn bdew jinbnew fit-telgħa fejn kien hemm midfun San Pietru. Issa qabar San Pietru beda jiddawwar b'numru mdaqqas ta' *mausoleums*, tant li beda jifforma passaġġ. L-isem tekniku għal dan il-passaġġ huwa *Clivus*. Ir-Rumani kienu rigorużi fl-arkitettura tagħhom u bejn dawn il-*mausoleums* u l-qabar ta' San Pietru riedu jiffurmaw passaġġ (Clivus). Minħabba f'hekk min kienu jieħu ħsieb il-qabar ta' San Pietru ħaseb biex jifred il-passaġġ minn mal-qabar, b'permezz ta' ħajt li meta nkixef waqt l-iskavi bdew jirreferu għalih bħala *'Red Wall'* minħabba l-kulur ħamrani tiegħu li kellu fuq in-naħa li tmiss mal-passaġġ. Issa ma ninsewx li dan il-passaġġ bħall-kumplament tal-pjanura kien f'telgħa wkoll. Biex wieħed seta' jidħol għall-qabar ta' San Pietru ried jinżel xi taraġ minn fuq. Raġuni oħra il-għala kellu jinbena dan il-ħajt kienet li minn żmien għal żmien fuq l-għolja tal-Vatikan, kwantità kbira ta' ħamrija kienet tiżżerżaq 'l isfel u tordom il-monumenti kollha taħtha (mudslides). Naħsbu li seta' nbena ħajt ieħor barra dak li jmiss mal-passaġġ, ħajt li seta' għalaq il-qabar ta' San Pietru f'bitħa rettangolari. Ma jidhirx li l-qabar ta' San Pietru kien imsaqqaf imma nafu li f'din il-bitħa kien hemm xi madum jew ċangaturi kkuluriti lewn ħadrani. Din l-ispeċi ta' bitħa li fiha nsibu l-qabar ta' San Pietru, fuq il-pjanti tal-iskavi nsibuha bħala Żona 'P' sintendi minħabba San (P)ietru.

Imma s-sabiħa hija din. Mill-iskavi nstab li peress li l-qabar ta' San Pietru kien wisq 'il barra, kważi joħroġ fil-passaġġ li nħoloq maż-żmien (Clivus), dan il-ħajt ma nbeniex eżatti ma' ras il-ġisem mimdud ta' San Pietru imma nbena qisu f'nofs il-ġisem mimdud tiegħu. U mhux hekk biss, bil-mod li kien inħoloq il-passaġġ, il-ħajt ma setgħax jitqiegħed b'mod perpendikulari (right-angle) ma' rasu. Minħabba f'hekk nofs il-qabar oriġinali ta' San Pietru mħaffer fl-art intilef maż-żmien għax ġie taħt il-passaġġ.

Il-ħajt l-aħmar (Red Wall) li kien imiss mal-passaġġ u li kif għidna nbena f'nofs il-qabar oriġinali ta' San Pietru, inbena b'żewġ niċeċ ġo fih, waħda fin-naħa t'isfel tal-qabar u l-oħra aktar 'il fuq. Bejn dawn in-niċeċ twaħħlet bħal qisu xkaffa tat-travertin (qisu rħam) li kienet isserraħ fuq żewġ kolonni. Man-niċċa ta' fuq saret




Hawnhekk qed naraw ritratt veru tal-clivus kif jeżisti fir-realtà. Fuq in-naħa tal-lemin jidher il-Ħajt l-Aħmar. Wara dak il-ħajt hemm il-monument ta' Gaius imwaħħal miegħu u taħt il-ħajt fl-art hemm il-qabar ta' San Pietru.



Dehra 3-d ta' kif kien jidher il-qabar ta' San Pietru fiċ-ċimiterju meta ttellgħa l-Ħajt l-Aħmar u l-monument ta' Gaius (160 A.D.) F'dan id-diagram Wall G, il-Ħajt tal-Graffiti kien għadu ma nbeniex.

ukoll bħal dekorazzjoni, bħal frontispizju triangolari, sinonimu ma' dawk iż-żminijiet. Dan il-monument sar bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien li nbena l-Ħajt l-Aħmar (Red Wall) jiġifieri 160 A.D. Dan huwa x'aktarx l-istess monument li jitkellem dwaru saċerdot bl-isem 'Gaius' fi żmien il-Papa Zefirino (199 A.D. - 217 A.D.), tant li dan il-monument sar magħruf bħala *t-trofew ta' Gaius* jew il-*monument ta' Gaius* u f'riċerka oħra nsibuh magħruf ukoll bħala *Tropaion.*

### Jinbena ħajt ieħor eżatt maġenb dan il-monument *(Wall G jew (G)raffiti Wall)*

Fis-sena 250 A.D. jidher li ġara xi ħaġa, għax fl-istess bitħa fejn kien hemm il-monument, xi ħadd bena ħajt oħxon fuq in-naħa tal-lemin li kien imiss kważi mal-ixkaffa tat-travertin u mal-kolonni tal-monument. Jidher li dan il-ħajt oħxon (Wall G) inbena biex iservi ta' support għall-ħajt aħmar (Red Wall) li milli jidher kien żviluppa xi ħsarat u beda jmejjel. Jingħad li dan il-ħajt *(Wall G)* kien kisser is-simetrija u kerraħ mhux ftit l-estetika tal-*monument ta' Gaius.* 'Il quddiem se nitgħallmu li kien proprju f'dan il-ħajt fin-naħa tal-lemin li xi darba xi ħadd kien ħaffer bħal toqba jew niċċa u poġġa l-fdalijiet ta' San Pietru fiha. Dan il-ħajt fuq il-pjanti tal-iskavi huwa mmarkat bħala *Wall G*, jew *(G)raffiti Wall* minħabba l-konċentrazzjoni kbira ta' graffiti li nstabu fuqu. Hemm min isostni li aparti dan il-ħajt fuq il-lemin tal-monument kien hemm ieħor fuq ix-xellug.

Imma kif il-fdalijiet ta' San Pietru setgħu qatt jsibu ruħhom ġo dan il-ħajt? X'seta' ġara biex il-fdalijiet ta' San Pietru nqalgħu mill-art u tpoġġew f'toqba moħbija f'dan il-ħajt ta' support? Kien sempliċiment pass ta' prewkazzjoni biex il-fdalijiet ma ssirilhomx ħsara mill-elementi naturali jew tpoġġew hemm minħabba xi periklu ieħor? Il-mistoqsija ta' min seta' poġġa dawn il-fdalijiet f'toqba fil-ħajt 'G' tidher li se tibqa' mingħajr risposta. Li nafu żgur huwa li fuq dan il-ħajt hemm sensiela kbira ta' taħżiżiet jew graffiti fejn isem San Pietru jissemma mhux inqas minn għoxrin darba. Hemm min jgħid li matul il-persekuzzjoni tal-Imperatur Valerjanu (253 sa 260 A.D.) kemm il-fdalijiet ta' San Pietru kif ukoll dawk ta' San Pawl, inqalgħu bil-moħbi u marru jaħbuhom fil-Katakombi ta' San Bastjan




Dan huwa diagram tal-qabar ta' San Pietru kif jidher minn fuq (Plan view). Kif qed taraw il-Ħajt l-Aħmar (Red Wall) inbena eżatt fin-nofs tal-qabar ta' San Pietru madwar 160A.D. Madwar il-qabar ta' San Pietru kif qed taraw indifnu bosta nies oħra viċin ferm tiegħu, probabilment Kristjani li xtaqu jkunu viċin l-appostlu. Naraw ukoll il-kolonni tondi tal-monument ta' Gaius (circa 160 A.D.) kif ukoll il-Ħajt tal-Graffiti (Wall G) (circa 250 A.D.) li nbena 90° degrees (kartabun) mal-Ħajt l-Aħmar.



Mudell interessanti ħafna li jinsab fil-Mużew tal-Iskavi ta' taħt il-Bażilika tal-Vatikan. Dan il-mudell huwa interessanti għax jurina l-qies eżatti tal-monument li hemm fuq il-qabar ta' San Pietru imwaħħal mal-Ħajt l-Aħmar kif ukoll il-qies eżatti tal-Ħajt tal-Graffiti (Wall G) a paragun mad-daqs tal-figura tal-bniedem. Din tgħinna nifhmu kemm kienu kbar il-monument kif ukoll Ħajt 'G'.






Mudell ieħor ta' Ħajt G (Graffiti Wall) flimkien mal-bqija tal-monument ta' San Pietru, din id-darba mill-angolu tal-ġenb. F'dan il-mudell qed naraw kif kienet tidher il-moħba fuq il-ġenb ta' Ħajt G. Din il-moħba kienet imdawra bl-irħam minn ġewwa. Din il-moħba ġieli jirreferuha għaliha bħala 'niċċa' jew 'loculus'. Fiha kien hemm moħbija l-għadam ta' San Pietru. Meta ddeċidew li jaħbuhom għalqu t-toqba u ssiġillawha b'kisja ħoxna ta' tafal jew pasta. Aktar tard, qisu xi 50 sena wara, jiġifieri lejn l-annu 290 A.D. bdew jidhru l-ewwel graffiti devoti fuq din il-kisja tafal. Il-figura tar-raġel fuq wara tgħinna nifhmu l-qisien ta' dan il-qabar u ta' dan il-ħajt.



Il-Ħajt tal-Graffiti (Wall G) kif jidher fir-realtà. Kien minn dik it-toqba li tistgħu taraw isfel nett fin-naħa tal-lemin li l-arkeologi kienu ndunaw li ġewwa dak il-ħajt kien hemm moħba. Tistgħu taraw ukoll in-numru kbir ta' graffiti li kellu dan il-ħajt. Mhux ta' b'xejn li malli ppenetraw l-artal u sabu dan il-ħajt ma wiċċhom l-arkeologi baqgħu mistgħaġba. Mhux ta' b'xejn li Margherita Guarducci meta rat dan il-ħajt baqgħet b'ħalqha miftuħa. Qatt qabel ma kienet rat konċentrazzjoni sħiħa ta' graffiti. Anke s-simboli li kellu fuqu ma kienux simboli normali imma mill-ewwel dehru li kellhom xi ħaġa speċjali. L-ewwel raġunament tagħhom kien li bilfors li dan il-ħajt kellu xi ħaġa speċjali. Ma kienx ħajt komuni bħall-oħrajn.

Diagram interessanti ħafna li fih qed naraw il-monument ta' Gaius mibni mal-Ħajt l-Aħmar. Eżatt taħt dak il-monument fl-art kien hemm midfun San Pietru. Dan id-diagram huwa wkoll interessanti għax jinkludi l-posizzjoni eżatt tal-Ħajt tal-Graffiti (Wall G), mal-bqija tal-qabar ta' San Pietru. F'diagrams oħra se naraw ukoll il-moħba li kien hemm ġo dan il-ħajt, il-moħba li fiha aktar tard instabu l-fdalijiet veru ta' San Pietru.




Dan id-diagram interessani jurina l-qabar ta' San Pietru kif jidher minn fuq (Plan View). Naraw il-Ħajt l-Aħmar (Muro Rosso); il-Monument ta' Gaius; il-Ħajt tal-Graffiti (Muro G); u l-moħba fil-Ħajt tal-Graffiti (Loculo Marmoreo). Id-diagram jurina li fuq il-qoxra ta' barra ta' Ħajt 'G' hemm diversi graffiti (Graffiti del Muro G). Importanti wkoll li ninnutaw li 'Ħajt G' inbena eżatt imiss mal-Ħajt l-Aħmar. Ta' min jgħid li f'dik il-parti fejn il-Ħajt G imiss mal-Ħajt l-Aħmar kien hemm ukoll xi Graffiti moħbijin ġewwa. Jidher li qabel ma ssiġillaw il-fdalijiet f'din il-moħba, xi ħadd kien għamel xi graffiti mal-parti fejn il-Ħajt G imiss mal-Ħajt l-Aħmar. Il-famuża skrizzjoni 'Petros Eni', li f'dan id-diagram jirreferi għaliha bħala 'Graffito col nome di Pietro' kienet graffita mħażża fuq il-kisja li kien hemm ġewwa l-moħba. Bid-diversi daqqiet goffi fuq il-ħitan mill-4 arkeologi biex jinqala' l-ġebel u jkunu jistgħu jidħlu fuq in-naħa ta' ġewwa nett tal-qabar, dan il-graffit inqala' u waqa' ġol-moħba. Kien l-arkeologu Kirschbaum li b'kumbinazzjoni f'Diċembru tal-1950 fettillu jerġa' jittawwal ġol-moħba u bħal donnu lemaħ ġebla li sa ftit qabel ma kinitx hemm. Meta ġibidha 'l barra sab li fuqha kien hemm iskrizzjoni li kienet tgħid 'Petros Eni'. Din inqalgħet minn mal-ħajt ta' ġewwa l-moħba u waqgħet f'qiegħ il-moħba stess. Il-Muro Costantiniano jirreferi għall-ħitan li l-imperatur Kostantinu għamel biex għalaq f'kamra żgħira tal-irħam il-qabar ta' San Pietru. Din il-kamra tal-irħam nirreferu għaliha bħala 'Memoria di Costantino' jew 'Memoria' fil-qasir.

f'*Via Appia* (258 A.D.). Meta l-persekuzzjoni ta' dan l-imperatur waqfet, circa 260 A.D. il-fdalijiet reġgħu tpoġġew lura fil-post tad-difna oriġinali tagħhom għall-qima tal-insara li bil-moħbi kienu jmorru jitolbu fuq il-qabar tagħhom. Jingħad li l-Imperatur Valerjanu kien ordna s-sekwestru ta' kull relikwija li setgħu kienu qed jużaw l-insara. Mhux ta' b'xejn li diversi nsaru bdew jinqabdu waqt li jkunu qed jitolbu fuq il-qabar ta' xi qaddis.

Madankollu Margherita Guarducci minn dejjem kienet xettika fuq din it-teorija. Margherita Guarducci ssostni li l-fdalijiet qatt ma ċċaqalqu minn fejn kienu. Hija tgħid li l-għadam ta' San Pietru nqalgħu mill-qabar tiegħu taħt l-art u tpoġġew direttament f'ħajt 'G'. Hija tgħid li malli tpoġġew fil-ħajt, xi ħadd issiġġilla t-toqba b'kisja ħoxna ta' tafal (plaster) u tgħid li mill-eżamijiet li kienet għamlet jidher li l-fdalijiet qatt ma ntmessu minn hemm sakemm ġew skoperti waqt l-iskavi li saru fis-snin erbgħin u ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor. Issa rridu ngħidu li ħajt 'G' kien issiġillat b'kisja li fuqha kien hemm konċentrazzjoni qawwija ta' graffiti. Guarducci tgħid li l-ħajt 'G' tela' qisu fis-sena 250 A.D. imma l-graffiti bdew jidhru lejn l-aħħar tat-tielet seklu (290 A.D. circa). Guarducci tgħid li dawn il-graffiti baqgħu jsiru sakemm l-imperatur Kostaninu dawwar il-qabar ta' San Pietru bl-irħam, inkluż *Ħajt 'G'* fis-sena 315 A.D. Bla dubju, meta l-arkeologi ltaqgħu ma' dan il-ħajt għall-ewwel darba u raw dak in-numru kbir ta' graffiti, dan mill-ewwel ġibed l-attenzjoni tagħhom. Graffiti bħal dawk kienu ilhom ħafna jaraw bħalhom imma l-konċentrazzjoni tagħhom f'post wieħed ma kinitx xi ħaġa normali. X'ġiegħel lill-ewwel insara li jħażżu isimhom u isem San Pietru kważi kważi fuq it-taħżiż ta' ħaddieħor li ġie qabilhom? X'seta' kien hemm speċjali f'dan il-ħajt jew f'dan il-punt partikolari ta' dan il-ħajt? Wara kollox dan kien ħajt li nbena apposta biex iżomm il-*monument ta' Gaius* u l-*ħajt l-aħmar* weqfin f'posthom u ma jaqgħux.




Dehra minn fuq ta' kif kienet tidher in-Nekropoli tan-naħa fejn kien midfun San Pietru. Jidher ċar ħafna l-qabar ta' San Pietru bil-monument imwaħħal mal-Ħajt l-Aħmar (Red Wall). Il-Ħajt tal-Graffiti (Wall G) ma jidhirx f'dan l-isketch. F'dan id-diagram nieħdu idea ta' kif l-Imperatur Kostantinu poġġa l-pedamenti tal-Bażilika l-antika ta' San Pietru madwar il-qabar ta' San Pietru, kif tidher fit-tundjatura massiċċa tal-ġebel li naraw madwar il-qabar ta' San Pietru f'dan id-disinn.



Hawnhekk naraw mudell 3-d tal-kamra tal-irħam li biha l-Imperatur Kostantinu dawwar il-qabar ta' San Pietru. Din il-kamra tal-irħam nirreferu għaliha bħala 'Memoria di Costantino' jew 'Memoria' fil-qasir. Naraw figura umana biex biha nkunu nistgħu nieħdu idea tal-qisien.

## Il-Bażilika ta' Kostantinu

Il-persekuzzjoni tal-insara ntemmet meta l-Imperatur Kostantino I, ta l-libertà lill-Kristjani fis-sena 313 A.D. bl-editt ta' Milan. Nafu li dan kien Kristjan u beda jibni l-Bażilika l-antika ta' San Pietru fis-sena 318 A.D fuq il-post indikat lilu mill-Papa Silvestru. Din il-bażilika damet tinbena 30 sena. Hu ried jibniha fuq il-qabar fejn kien midfun San Pietru, kif kienet l-użanza tal-insara ta' dawk is-snin. Jingħad li kien sab ftit opposizzjoni mhux ħażin mis-Senat Ruman li kien għadu ma darax l-idea li fil-qalba ta' Ruma jkun hemm knejjes u monumenti Kristjani, wara tant snin ta' stmerrija u persekuzzjoni. Is-soluzzjoni ta' Kostantinu kienet li jinvesti kollox f'Bażilika Kristjana 'il barra mill-belt. B'hekk huwa radam in-nekropoli li kien hemm, minbarra sintendi l-qabar ta' San Pietru. L-istoriċi jgħidu li Kostantinu għamel użu mis-saħħa imperjali kollha tiegħu biex jagħmel dan għax ir-Rumani kellhom liġijiet ħorox u strettissimi fuq iċ-ċimiterji. Biex jibni l-bażilika tiegħu eżatt fuq il-qabar ta' San Pietru, Kostantinu kellu jsaqqaf wiċċu ma' problema kbira. Minħabba d-dislivell kbir tal-art, Kostantinu kellu jordom in-nekropoli li kien hemm fil-livelli li kienu iktar 'l isfel mill-qabar ta' San Pietru u min-naħa l-oħra ried iqatta' u jħaffer parti mill-għolja Vatikana biex joħloq pjanura ċatta għall-parti leminijia tal-bażilika tiegħu. Għal Kostantinu din kienet biċċa xogħol kbira u hija meqjusa bħala waħda mill-provi kruċjali li turi li bilfors li kien hemm xi ħaġa importanti f'dak il-post; bilfors li kien hemm il-




Meta Kostantinu l-Kbir bena l-Bażilika huwa ried li l-qabar ta' San Pietru jingħalaq f'kamra tal-irħam (Memoria) u l-pellegrini jkunu jistgħu jarawh biss minn wara bieb żgħir fl-irħam. L-artal kien quddiemu. Imma meta laħaq il-Papa Girgor il-Kbir hu ried li l-artal ikun eżatti fuq il-qabar ta' San Pietru, allura madwar il-monument ta' Kostantinu għamel qisu pjattaforma b'tali mod li s-saqaf tal-monument ta' Kostantinu jiġi l-wiċċ tal-artal il-ġdid. Barra din it-tibdila kien hemm diversi alterazzjonijiet fuq l-artali anke meta nbniet il-Bażilika l-ġdida. Kien minħabba dawn l-alterazzjonijiet li maż-żmien il-qabar ta' San Pietru kompla jintradam, u n-nies ma baqgħetx tiftakar bih iktar u spiċċa biex sar leġġenda jew tradizzjoni.



F'dan id-disinn sabiħ naraw il-Bażilika l-antika ta' San Pietru mibnija mill-Imperatur Kostantinu. Naraw li wara li nbniet il-Bażilika xorta kien għad fadal partijiet miċ-ċirku ta' Neruni u partijiet sħaħ tan-Nekropoli li ma ġewx affettwati mill-bini tal-Bażilika l-ġdida lil San Pietru.




F'dan id-diagram naraw cross-section tal-Bażilika tal-Vatikan fuq tliet livelli: fuq nett naraw il-Bażilika tal-Vatikan kif tidher illum; fit-tieni livell jidhru l-Grotti Vatikani u l-Kappella Klementina; u isfel nett tidher in-Nekropoli Rumana u l-qabar ta' San Pietru.







Ritratti li ġew meħuda waqt l-iskavi. Innutaw id-diżlivell fl-art. Diversi mausolei għandhom ukoll turġien li jagħtu għal isfel.





qabar ta' San Pietru f'dak il-punt għax inkella min kien se joqgħod jiskomoda ruħu tant biex jibni bażilika f'post daqshekk antipatku? Nafu wkoll fiċ-ċert li hekk kif il-bażilika kienet lesta, huwa dawwar il-qabar ta' San Pietru f'ħitan tal-irħam li fir-riċerka nsibuha mniżżla bħala *'memoria ta' Kostantinu'* jew *'memoria'* fil-qasir. Din il-ħaġa għamilha wkoll mal-qabar ta' Kristu meta bena l-bażilika tas-Santu Sepulkru f'Ġerusalem. Madankollu l-artal ewlieni ma kienx eżatt fuq il-qabar magħluqa ta' San Pietru imma ftit quddiemu.

**L-alterazzjonijiet fuq l-artal maġġur tul is-sekli**

Imma l-Papa Gregorju l-Kbir, li għex bejn 590-640 A.D. ried li jibni artal eżatt fuq il-qabar ta' San Pietru. Allura għolla l-livell tal-art li kien hemm madwar il-kamra tal-irħam li Kostantinu kien dawwar mal-qabar ta' San Pietru b'tali mod li l-parti ta' fuq ta' din il-kamra, tiġi qisu l-wiċċ tal-artal tiegħu. Sintendi, ma din il-pjattaforma kienu għamel taraġ fuq kull naħa biex ikun jista' jitla' u jinżel minn fuq l-artal. Anke l-Papa Kallistu II (1119–1124 A.D.) u l-Papa Klement VIII (1592–1605 A.D.) komplew għamlu l-alterazzjonijiet li riedu fuq l-artal maġġur, l-ewwel wieħed fi żmien il-bażilika l-antika u t-tieni wieħed fiż-żmien il-bażilika li naraw illum. B'dawn l-alterazzjonijiet il-monument li kien bena l-Imperatur Kostantinu madwar l-artal tgħatta u ma damx ma ntesa, bħalma ntesew ukoll il-fdalijiet u l-qabar ta' San Pietru, u minflok realtà, saru leġġenda jew tradizzjoni.

**Kif instabu l-fdalijiet ta' San Pietru? ... Il-bidu ta' kollox**

L-istorja li wasslet biex jinstabu l-fdalijiet ta' San Pietru tibda mis-sena 1939 hekk kif miet il-Papa Pio XI. Dan ried li jindifen fil-Grotti Vatikani u kien ukoll indika l-post fejn xtaq jindifen. Dak iż-żmien il-Grotti Vatikani ma kienux bħal-lum imma baxxi ħafna. Allura wara d-difna ta' Papa Pio XI ingħata bidu għal proġett sabiex l-art kollha tal-Grotti Vatikani tiġi mħammla, b'hekk l-art titbaxxa u jiġi ggwadanjat aktar spazju. Hekk kif bdew iħaffru bdew jiltaqgħu ma' kull xorta ta' fdalijiet funerarji li jmorru lura għall-epoka Rumana. Għall-ewwel dawn ma tawx każhom, tant li poġġewhom fil-ġenb. Ma kinitx l-ewwel darba għal diversi arkeologi li jaħdmu f'Ruma li waqt xi tħammil jagħmlu sejbiet ta' lapidi u sarkofagi differenti tal-irħam. Imma tliet xhur wara, l-imterqa tagħhom misset struttura antika, qisu dak ta' ħajt antik Ruman, waqfu minnufih u talbu l-għajnuna tal-arkeologi tal-Vatikan. Ir-ritmu tax-xogħol waqaf f'daqqa għax bdew jindunaw li kienu għadhom kif skoprew il-fdalijiet ta' nekropoli antika ta' żmien ir-Rumani.

Ngħiduha kif inhi, meta kienu ġew biex jibnu l-Bażilika tal-lum lejn il-bidu tas-seklu sittax u riedu jpoġġu l-pedamenti tal-erba' pilastri l-kbar li fuqhom kellha sserraħ il-koppla ta' Michelangelo, mir-rakkonti li għandna jidher li mhux l-ewwel darba li sabu ruħhom wiċċ'imb'wiċċ ma' sarkofagi u *mausoleums* rumani. Fost l-istejjer li ġew dokumentati nsibu fost l-oħrajn dik tal-qabar ta' Flavius Agricola, Ruman sinjur li fuq il-latu tas-sarkofagu tiegħu ħalla epitaffju li jgħid li l-bniedem għandu jgħix ħajja kollha pjaċiri, bl-inbid u t-tbahrid mal-iktar tfajliet sbieħ u ħelwin. Jingħad li l-kleru li kien qed imexxi l-operazzjoni tal-kostruzzjoni tal-Bażilika l-ġdida, tant kemm baqa' xxukjat u skandalizzat b'dik l-iskrizzjoni li taw ordni sabiex il-latu jitkisser biċċiet u jintefa fix-xmara Tevere. Hemm ħafna aktar rakkonti minn dawn li jmorru lura għas-seklu sittax li juru li waqt il-ħidma fuq il-Bażilika tal-lum, il-ħaddiema kienu diġà sabu skoperti simili u wisq probabilment kienu diġà għamlu idea ta' x'hemm taħt il-Bażilika. Dawn l-iskoperti kienu jagħmluhom u anke jiddokkumentawhom imma t-tendenza kienet li malli kienu jkunu fil-qagħda li jkomplu bix-xogħol tal-kostruzzjoni, kienu jitilqu kollox minn idejhom, jordmu li sabu u jkomplu b'xogħlhom. Kif tgħid Margherita Guarducci fil-ktieb tagħha, il-ħaddiema tas-seklu sittax u anke sbatax, kellhom iċ-ċans kollu li jkomplu jiskavaw, imma donnu quddiem il-biża' tal-possibilità li ma jsibux il-fdalijiet ta' San Pietru, li t-tradizzjoni kienet tgħid li sia l-Bażilika u anke l-Fidi



Il-Papa Pio XII li tant stinka biex mill-1939 'il quddiem l-iskavi jibqgħu għaddejjin mingħajr waqfien. Kien hu wkoll li awtorizza lill-4 arkeologi biex jippenetraw l-artal tal-Bażilika u jiskavaw il-qabar ta' San Pietru. Dan il-Papa miet fl-1958. Minkejja li kien irsista ħafna biex jinstabu l-fdalijiet ta' San Pietru huwa baqa' ma sarx jaf bis-sejba tal-għadam veru u awtentiku ta' San Pietru kif ħabbar il-Papa Pawlu VI għaxar snin wara.

Kattolika nnifisha huma 'mibnija' fuqhom, allura wisq probabilment ħassew li aħjar li ma jħallux il-kurżità tegħlibhom u jibqgħu jemmnu b'għajnejhom magħluqa l-għidut li taħt l-artal tal-Bażilika kien hemm midfuna l-fdalijiet ta' San Pietru, il-blata li fuqu Alla ried jibni l-knisja tiegħu.

Nerġgħu lura għas-sena 1939. Kienu diġà għaddew għaxar xhur mill-iskoperta tal-ewwel kamra funerarja (*mausoleum*). Aktar ma bdew iħaffru u jnaddfu mid-debris, aktar bdew isibu oqbra u *mausoleums* ġodda, wieħed ħdejn l-ieħor. Dawn kienu kollha kemm huma dekorati bl-aqwa arti ta' dak iż-żmien. Tant kemm kienu sabu oqbra li fin-nofs kienet inħolqot bħal triq mimlija edifiċji funerarji. M'hemmx xi ngħidu, wara għaxar xhur sħaħ iħaffru u jnaddfu mit-terrapin, kienu ntebħu li kienu għamlu skoperta sensazzjonali, skoperta li hawn min jgħid li għenet mhux ftit fl-istudju Ruman u Paleokristjan. B'kollox kienu sabu daqs dsatax-il kappella funerarja (mausoleum) b'iktar minn mitt persuna midfuna hemm isfel, kollha taż-żmien l-epoka Rumana. Issa l-iskavi kienu resqu viċin ħafna tal-post fejn kien hemm l-artal tal-Bażilika. Ħafna



Il-kappella Klementina waqt l-iskavi. Innutaw l-imbarazz li hemm fin-nofs. Kien minn din il-kappella li tinsab taħt il-livell tal-art tal-Vatikan li l-4 arkeologi ippenetraw il-qabar ta' San Pietru.

minn dawn l-oqbra kienu jmorru lura sal-ewwel seklu, iż-żmien li fih għex u miet San Pietru. Mhux hekk biss, imma rrealizzaw li aktar ma l-iskavi bdew resqin lejn l-artal maġġur tal-Bażilika, iktar kien hemm inċidenza u sejbiet ta' oqbra Kristjani. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi u elementi kruċjali u indikattivi, l-arkeologi bdew isaqsu lilhom infushom x'possibiltajiet jeżistu li San Pietru ġie midfun fil-punt fejn hemm l-artal il-kbir maġġuri tal-Bażilika, kif kienet tgħid it-tradizzjoni? Żgur li ġo qalbhom qalu: 'Il-probabiltà tidher li hija kbira ħafna.'

**Skavi taħt l-artal Maġġur tal-Vatikan**

Iż-żmien li fih saru l-iskavi kien bejn l-1939 u l-1949. Dak iż-żmien kien hemm il-Papa Pio XII (Pacelli) fit-tmexxija tal-knisja. Tintebħu li dawn kienu s-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija. L-iskavi interessanti li kienu qed isiru taħt il-Vatikan bdew isiru proprju fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija. Papa Pacelli kien inkwetat ħafna minħabba l-gwerra imma xorta kien juri interess kbir fl-iskavi. Wara kollox kien hu li fil-bidu ta l-kunsens biex l-iskavi jkomplu. Issa l-arkeologi kienu sodisfatti ħafna bix-xogħol tagħhom. Huma kienu abbandunaw għal kollox il-proġett tal-art tal-Grotti Vatikani u ntefgħu b'ruħhom u b'ġisimhom fuq dawn l-iskavi arkeoloġiċi. Li kieku setgħu komplew jiskavaw imma kienu ristretti minħabba l-istabbiltà tal-pedamenti tal-Bażilika. Ix-xewqa tagħhom issa kienet waħda, dik li jaraw x'hemm taħt l-artal maġġur tal-Vatikan. Xtaqu jikkonfermaw dak li kienu ilu jingħad matul sekli sħaħ ta' storja, li taħt l-artal tal-Vatikan hemm il-qabar bil-fdalijiet veri ta' San Pietru Appostlu. Huma ressqu t-talba tagħhom lill-Papa Pio XII. Dan qallhom iva, imma bil-patt li ma toħroġ l-ebda kelma fil-pubbliku dwar dawk li jkunu sabu jew ma sabux.

Jingħad li mill-era ta' Kostantinu sal-lum, tnejn kienu l-episodji li fihom kien hemm min irnexxielu jara x'hemm ġewwa isfel taħt l-artal maġġur tal-Vatikan, darba b'kumbinazzjoni minħabba inċident u darb'oħra fuq esperiment. Jingħad li waqt il-bini tal-Bażilika li naraw illum fl-1594, ġebla kbira waqgħet mill-pilastri għoljin u ġiet eżatti fuq il-bini li kien idawwar il-qabar ta' San Pietru. Jingħad li meta neħħew il-ġebla xi ħaddiema ttawlu ġox-xquq li ħalliet mad-daqqa. Dawn qalu li kienu raw salib kbir tad-deheb. Ħadd ma jaf eżatti jekk dawn il-ħaddiema rawx jew le is-salib li semmew, madankollu dak iż-żmien kien hemm twemmin popolari li Kostantinu kien żejjen il-qabar ta' San Pietru b'salib tad-deheb minn ġewwa. Jingħad li hekk kif Papa Klement VIII kien infurmat bl-inċident, ġie jiġri fuq il-post u ta ordni biex it-toqba titkaħħal immedjatament fil-preżenza tiegħu kif ukoll iprojbixxa kull tip ta' xogħol biswit tagħha. It-tieni darba li bniedem ittanta jnemmes ġewwa l-qabar midfun, kien Ġiżwita bl-isem Hartmann Grisar li għex bejn l-1845 u l-1932. Kienet l-era tal-introduzzjoni tal-elettriku. Allura dan ingħata permess biex minn xquq x'imkien fil-Kappella Klementina jniżżel bozza bl-elettriku u jara x'hemm hemm isfel. Hekk għamel imma peress li x-xquq kien dejjaq ma setgħax jara ħlief dellijiet. Hu kien qal però li l-bozza kien niżżilha madwar 4 metri 'l isfel u li x'aktarx hemm isfel kien hemm bħal kamra żgħira. Dawn huma żewġ episodji li jgħinuna nifhmu l-interess, il-kurżità u l-misteru li kien iqajjem il-qabar ta' San Pietru tul sekli sħaħ.

**L-Arkeologi jippenetraw il-Qabar ta' San Pietru**

Issa riedu jaraw minn fejn se jibdew għax mill-post fejn qabel kienu sabu l-oqbra u l-mausoleums, għal xi raġuni ma setgħux jinfdu għall-qabar ta' San Pietru. Ma ninsewx li l-Bażilika kienet mibnija fuq nekropoli li kienet fuq għolja u allura kien hemm dislivell kbir fl-art. Illum nafu li l-qabar ta' San Pietru kien jinsab ftit 'il fuq minn dawk li kienu nstabu qabel. L-arkeologi bdew jaħsbu li setgħu jippenetraw il-qabar ta' San Pietru mill-*confessio*, minn fejn in-niċċa tal-palji, dik li tinsab eżatti taħt l-artal tal-Vatikan, imma ftakru li l-Papa kien tahom ordnijiet preċiżi, li barra li jżommu kollox sigriet huma kellhom ordni wkoll biex waqt ix-xogħlijiet tagħhom ma jagħmlux ħsejjes li setgħu jtellfu l-funzjonijiet fil-Bażilika. Kundizzjoni oħra kienet sintendi li ma jagħmlu l-ebda ħsara li setgħet tkun irreparabbli.

1) Jippenetrawh min-naħa tal-Punent

L-ewwel tentattiv kien li jippruvaw jippenetraw mill-Kappella Klementina u hekk għamlu. Il-kappella Klementina tinsab taħt l-art imma fuq in-naħa ta' wara tal-artal maġġur. Hekk kif bdew jaqilgħu l-ħitan ta' wara nett tal-Kappella Klementina, li tiġi eżatt taħt l-art maġġur tal-Vatikan (Punent - West Side) l-erba' arkeologi: Ferrua, Ghetti, Josi, u Kirschbaum sabu ma' wiċċhom irħama kbira. Wara rrealizzaw li kienet il-biċċa ta' wara tal-*memoria* tal-irħam li kien

bena l-Imperatur Kostantinu madwar il-qabar ta' San Pietru fis-sena 315 A.D. Fuq il-parti ta' fuq ta' din l-irħama setgħu jaraw il-fdalijiet tal-artal l-antik tal-Papa Kallistu II (1119-1124 A.D.) meta kien għad hemm il-bażilika l-antika. Huma komplew jaqilgħu xi ġebel minn mal-monument ta' Kostantinu u l-ewwel sabu fdalijiet tal-ħajt l-aħmar (Red Wall) u fdalijiet oħra tal-artal li kien bena l-Papa Girgor il-Kbir (590-604 A.D.) fuq il-*memoria* ta' Kostantinu. Sintendi l-artal li kien bena l-Papa Girgor jmur lura aktar fis-snin minn dak ta' Kallistu, allura kien jinsab iktar 'l isfel minn dak tal-Papa Kallistu II. Imma issa ndunaw li jekk se jkomplu jtaqqbu kienu se jikkawżaw ħsara kbira, allura ħadu deċiżjoni li jippenetraw l-artal mill-ġnubijiet tiegħu. Ħafna mil-letteratura tindika l-punti tat-tħammil, b'permezz tal-warda tar-riħ. Peress li l-artal tal-Bażilika jħares lejn il-Lvant (East), f'dan il-każ huma bdew itaqqbu fin-naħa tat-Tramuntana (North) u tan-nofsinhar (South) tal-artal tal-bażilika.

2) Jippenetrawh min-Nofsinhar

Biex jippenetraw in-naħa tat-Tramuntana u tan-nofsinhar tal-artal bdew iħaffru miż-żewġ spazji li hemm fuq kull naħa tal-kappella Klementina, żewġ spazji li qishom iduru mal-artal fuq kull naħa. Wara li qalgħu ammont ta' knaten u ġebel, irnexxielhom isibu passaġġ wieħed fuq kull naħa. L-ewwel ma daħlu kien mit-toqba li taqbu fin-naħa tan-nofsinhar tal-artal u hemmhekk għall-ewwel darba rnexxielhom jaraw waħda mil-kolonni tat-*trofew ta' Gaiu*. Mal-kolonna kien hemm ukoll l-ixkaffa magħmula mit-travertin li kienet tagħmel parti minn dan l-istess monument. Però sia l-kolonna u sia l-ixkaffa kienu qishom midfunin f'kull xorta ta' torba, ġebel u tikħil. Jidher ċar l-effett tal-ħafna alterazzjonijet li ġarrab dan il-monument matul is-sekli. Issa l-arkeologi bdew jindunaw li kienu qed isibu l-istess affarijiet li kien hemm miktub fil-kotba l-antiki tal-istorja. Il-qabar ta' San Pietru kien jeżisti tassew kif ġie deskritt.

3) Jippenetrawh mit-Tramuntana.

Episodju Kruċjali: jinjoraw it-toqba li kien hemm isfel fil-ħajt 'G', il-ħajt tal-graffiti.

Imbagħad l-4 arkeologi ppenetraw il-qabar min-naħa tat-tramuntana tal-artal. Hemmhekk għall-iskantament tagħhom sabu ħajt oħxon ma' wiċċhom li kien mimli graffiti (Wall G). Dan huwa episodju importanti fl-istorja kollha ta' din is-sejba, għax f'dan il-waqt seħħ inċident li kellu jħalli effett fuq ir-riċerka kollha u possibilment ittardja s-sejba tant importanti tal-fdalijiet ta' San Pietru. Meta ltaqgħu ma' dan il-ħajt oħxon mimli graffiti, fuq in-naħa t'isfel nett innutaw li kien hemm toqba. Indunaw li l-ħajt kien imkaħħal b'kisja ħoxna u warajh kien hemm xi ħaġa. Li ġara hu li meta kienu qegħdin jippenetraw il-qabar ta' San Pietru min-naħa ta' wara, jiġifieri min-naħa tal-Punent, bid-daqqiet tal-baqqun u l-għodda, dan il-ħajt itriegħed u parti mill-kisja li kellu isfel inqalgħet u waqgħet u ġiet it-toqba. Meta resqu lejn dan il-ħajt indunaw li kellu konċentrazzjoni mhux komuni ta' graffiti. Huma kieku xtaqu jaraw x'kien hemm aktar wara dik il-kisja, għax mit-toqba żgħira li ffurmat kien jidher ukoll li kien hemm xi rħam. Imma peress li kien hemm ħafna graffiti interessanti rraġunaw li kien aħjar li kieku l-ewwel jistudjaw il-graffiti li kien hemm fuq il-kisja, għax jekk aċċidentalment il-kisja tkompli titfarrak biċċiet ma jkunx aktar possibbli li wieħed jistudja dawn is-simboli. Min jaf l-istorja kollha però jaf tajjeb li tajba kemm kienet tajba din id-deċiżjoni, minħabba f'hekk kellha tiġri biċċa tinkiteb, u twassal biex il-fdalijiet ta' San Pietru jinstabu u jiġu awtentikati ħafna snin wara. Dan l-inċident se nitkellmu fuqu dalwaqt għax kellu jħalli effett determinanti fuq ir-riċerka.



Engelbert Kirschbaum kien wieħed mill-4 arkeologi uffiċċjali appuntati mill-Papa Pio XII biex jiskavaw in-nekropoli u l-qabar ta' San Pietru. Kien hu fost l-4 arkeologi kollha li għaddha minn taħt il-Ħajt G u sab ruħu taħt il-monument ta' Gaius. Hemmhekk fl-art, eżatt taħt il-Ħajt l-Aħmar kien sab depożitu kbir ta' għadam liema għadam però aktar snin wara ġew identifikati bħala ta' nies differenti u żgur mhux ta' San Pietru.

4) Jippenetrawh mil-Lvant

L-4 arkeologi kien jonqoshom biss li jidħlu fil-qabar ta' San Pietru min-naħa tal-Lvant. Din kellha tippermettilhom li josservaw il-qabar ta' San Pietru minn quddiemu eżatt. Biex jagħmlu hekk però, riedu jidħlu min-niċċa tal-Palji, jew mill-*Confessio*, dik il-biċċa taħt l-artal tal-Vatikan li trid tinżel għaliha bit-taraġ minn quddiem. Huma ftakru fil-kliem tal-Papa, li ma setgħux itellfu jew jagħmlu storbju fil-ħin tal-funzjonijiet, allura kienu ħadu permess biex dan ix-xogħol jagħmluh bil-lejl, meta l-Bażilika tkun magħluqa. Dakinhar kellhom stampa ċara tal-qabar ta' San Pietru kif kien jidher minn quddiem. Il-kolonni tat-*trofew ta' Gaius* jew il-*monument ta' Gaius* (jew *tropaion*) kienu għadhom viżibbli. Kienet tidher ukoll l-ixkaffa li kienet isserraħ fuq il-kolonni, li għalkemm kienet imkissra setgħu jikkonfermaw li xi darba kienet intatta.

**L-arkeologi jiskavaw fil-qabar ta' San Pietru (Area P)**

Issa li kienu qishom ħadu idea ta' kif kien il-qabar ta' San Pietru, setgħu jibdew jiskavawh biċċa biċċa. Minn issa 'l quddiem l-arkeologi kienu se jagħmlu sejbiet interessanti ħafna. Xi jiem wara li kienu ppenetraw il-qabar mill-erba' naħat, l-arkeologi ltaqgħu flimkien u ħasbu li l-aħjar soluzzjoni kienet li jagħmlu skavi minn taħt il-Ħajt Ġ (Graffiti Wall) u jaraw jistgħux jgħaddu għall-qalba tal-qabar ta' San Pietru billi jinfdu passaġġ u jgħaddu minn taħt il-pedamenti tiegħu.

I) Jerġgħu jispezzjonaw it-toqba fil-Ħajt tal-Graffiti (Wall G)

Meta marru fin-naħa tat-Tramuntana tal-Artal, fejn kien hemm il-Ħajt G (Wall G)(Graffiti Wall), bla ma riedu l-attenzjoni tagħhom waqgħet fuq dik it-toqba li kienu raw fxi jiem qabel fil-ġenb tal-ħajt. B'xi mod wessgħuha ħarira oħra u ttawlu ġo fiha. Skoprew li kien hemm bħal niċċa wiesgħa li testendi ruħha tul il-ħajt kollu. Fuq in-naħa fejn il-ħajt kien imiss mal-Ħajt l-Aħmar (Red Wall), innutaw li ma kienx magħluq bil-ġebel imma kien mikxuf u jagħti direttament fuq il-Ħajt l-Aħmar. Dawn indunaw bih għax raw l-istess kulur ħamrani li kien hemm fuq il-Ħajt l-Aħmar (Red Wall). Mhux hekk biss, imma dehrilhom li fuq din il-biċċa tal-Ħajt l-Aħmar, magħluqa f'Ħajt G kien hemm anke xi graffiti. Jekk verament kien hekk, dawk il-graffiti sintendi kienu eqdem minn dawk li kienu qed jiksu l-*Ħajt G* minn barra. Għalkemm għidna li ma sabu xejn partikolari, l-arkeologi rnexxielhom b'xi mod jikinsu l-ftit debris 'l barra li kien hemm ġewwa u meta studjaw fhiex kien jikkonsisti raw li kien hemm xi munita antika ta' żmien il-medjuevu (A.D. 900 circa),

biċċiet żgħar taċ-ċomb, frak żgħir ta' għadam differenti, u bħal ħajt tad-deheb. Innutaw l-aħħar artefatt (ħajt tad-deheb). 'Il quddiem se nispjega eżatt il-għala l-erba' arkeologi ma sabu xejn.

II) Jiskavaw taħt il-Ħajt G (Wall G)

Wara li kienu lesti mit-toqba partikolati ta' Ħajt G, l-arkeologi ddeċidew li jibdew iħaffru taħtu sakemm jaslu fil-pedament. Huma kienu kkalkulaw li Ħajt G kien kważi jmiss mal-*monument ta' Gaius*, jiġifieri mal-qabar ta' San Pietru. Għalhekk huma ddeċidew li l-ewwel jiskavaw b'mod vertikali u mbagħad orizzontali. F'dan il-proċess huma ltaqgħu ma' fdalijiet ta' żewġ oqbra ta' perjodi differenti. L-arkeologi sabu li fil-post fejn kien indifen San Pietru, maż-żmien kienet saret qisha bitħa żgħira tad-dfin. Huma sabu li f'din il-bitħa kien hemm bosta oqbra ta' perjodi differenti. Ħafna minn dawn l-oqbra li bdew isibu, kienu viċin ħafna tal-qabar ta' San Pietru. Dawn setgħu kienu possibilment l-ewwel papiet tal-Knisja, dawk li ġew eżatti wara San Pietru jew xi insara li xtaqu li jiġu midfuna fejn il-qaddis. L-arkeologi komplew jiskavaw 'l isfel sakemm waslu fil-qiegħ nett tal-ħajt.

III) Jgħaddu minn taħt Ħajt G u jagħtu titwila f'kamra żgħira li sabu warajh, li tiġi eżatt taħt il-Monument ta' Gaius.

Issa kienu niżlu mhux ħażin 'l isfel. Innutaw li fil-pedament setgħu jċaqalqu blata. Hekk għamlu u kif ċaqalquha sabu bħal spazju li ppermettilhom jittawlu fuq in-naħa l-oħra tal-ħajt. Dan kien il-punt li jiġi eżatt taħt il-monument ta' Gaius, jiġifieri eżatt fil-punt fejn indifen San Pietru. Xi ħadd minnhom seta' jidħol, joqgħod kokka fiha u jittawwal in-naħa l-oħra fl-spazju ta' wara l-Ħajt 'G'. Engelbert Kirschbaum, li kien l-iżgħar fost l-arkeologi u l-iktar wieħed magħmul ċkejken minnhom daħal fiha. Meta ttawwal in-naħa l-oħra u ħares 'il fuq innota li mas-saqaf ta' din il-kamra żgħira kien hemm bħal biċċa rħama kbira funerarja ta' qabar pagan mimduda, u qisha kienet qed timblokka parti minn xaft. Mill-isem tal-mejjet li kien hemm fuqha ndunaw li din l-irħama x'aktarx ittieħdet minn xi qabar pagan li seta' kien hemm fil-viċin. Engelbert induna li f'nofs l-irħama kien hemm toqba kwadra. Meta poġġa d-dawl ħdejha kkonferma li warajha kien hemm xaft. L-arkeologi me kellhomx dubju. Dan kien l-istess xaft li 50 sena qabel, il-



Dan huwa Antonio Ferrua fi Piazza San Pietro fis-snin tletin tas-seklu l-ieħor. Ferrua kien wieħed mill-4 arkeologi li skavaw in-nekropoli u l-qabar ta' San Pietru. Kien hu li waqt ispezzjoni ta' bla ħsieb, meta x-xogħol tal-iskavar kien diġà lest u meta saru r-rapporti kollha, inċidentalment mar jittawwal fit-toqba li kien hemm f'Ħajt G u jara ġebla li x'aktarx waqgħet minn mal-ħitan tal-moħba minn ġewwa. Meta ġibidha 'l barra nduna li kien hemm xi kliem fuqha 'Petros Eni', li tfisser 'Pietru qiegħed hawn'. Kienet sejba kurjuża ħafna. Għad li kienu studjawha sew dik il-moħba jidher li l-ġebla waqgħet wara, imma jekk xejn kienet prova ċara li l-fdalijiet ta' San Pietru kienu x'imkien hemm!



Il-ġebla li fuqha kien hemm sgrafjat il-kliem 'Petros Eni'. Din instabet fil-moħba ta' Ħajt Ġ b'kumbinazzjoni. Il-grupp tal-4 arkeologi kien diġà eżamina l-moħba f'Ħajt G fis-snin ta' qabel u din il-ġebla qatt ma kienu sabuha. Milli jidher din waqgħet minn mal-ħajt aktar tard. Kien l-arkeologu Ferrua li kien sabha, ftit jiem qabel mal-Papa Pio XII f'Diċembru tal-1950 kien ħabbar li kien instab il-qabar ta' San Pietru imma mhux l-għadam tiegħu. Il-ġebla li fuqha kien hemm minqux il-kliem 'Petros Eni' ma kinitx ħlief biċċa minn kisja li kienet tiksi l-moħba ta' Ħajt G minn ġewwa, eżatt f'dak il-punt fejn Ħajt G kien imiss mal-Ħajt l-Aħmar. Din kienet skoperta kruċjali u probabilment l-ewwel indikazzjoni ċara li l-għadam ta' San Pietru kien x'imkien hemm.

Ġiżwita Hartmann Grisar kien dendel bozza biex jara x'kien hemm. Dan ix-xaft kien jagħti għall-artal ta' fuq nett li minnu l-ewwel insara kienu jitfgħu xi muniti bħala devozzjoni. F'dan il-punt, Kirschbaum sab diversi muniti antiki anke ta' żmien ir-Rumani. Iltaqa' wkoll ma plattina żgħira tad-deheb li fuqha kien hemm żewġ għajnejn u salib f'nofshom tal-ħames jew is-sitt seklu. Skont l-arkeologi dan kien rigal votiv lil San Pietru bħala ringrazzjament għal xi fejqan mirakoluż minn xi kundizzjoni fl-għajnejn. Kirschbaum innota li fejn l-art kienet tmiss mal-Ħajt l-Aħmar (Red Wall) kienu hemm qisu bħal xquq. Daħħal idu ġewwa x-xaqq u sab li kien hemm għadma mdaqqsa. Meta poġġha d-dawl fejn ix-xquq sab li kiem hemm ammont kbir ta' għadam ħdejn xulxin.

**Papa Pio XII jinżel ġirja waħda jara l-għadam li nstab taħt il-Ħajt l-Aħmar**

Kirschbaum ħareġ mit-toqba u qal lil sħabu b'dak li sab. F'kemm ili ngħidlek anke l-Papa Pio XII sar jaf. Tant kemm kellu interess fl-iskavi li telaq kollox minn idejh u niżel jiġri fejn l-arkeologi. Qalulu b'dak li kienu sabu u f'kemm ili ngħidlek tahom il-permess biex jiġbru l-għadam kollu. Il-Papa qagħad bilqiegħda ħdejhom jarahom joħorġu l-għadam. Kienu ġabru madwar 250 biċċa. Innutaw li ma kienx hemm ras ta' skeletru. Għall-Papa din kienet aħbar tajba għax kif kulħadd jaf ir-ras ta' San Pietru kienet u għadha miżmuma fil-Lateran. Sadanittant l-għadam tpoġġa ġo kaxxi apposta, ġew issiġillati u ttieħdu fl-appartament privat tal-Papa. Fix-xhur ta' wara, il-Papa talab lit-tabib privat tiegħu Dr. Galeazzi-Lisi biex jeżamina l-fdalijiet. Miegħu ħadu sehem ukoll diversi tobba oħra. Huma għamlu testijiet ħfief fuqhom. Dawn irraportaw lill-Papa li dawn kienu ta' individwu li kellu bejn ħamsa u sittin u sebgħin sena. Il-Papa u anke l-erba' arkeologi li ċertament ma kienu jifhmu xejn fil-qasam mediku u bioloġiku kellhom sentiment qawwi li setgħu nstabu l-fdalijiet ta' San Pietru, imma kienu veru kawti fi kliemhom, speċjalment il-Papa. Qatt ma qalu li kienu sabu l-fdalijiet ta' San Pietru, anke jekk l-età li taw it-tobba kienet taqbel bejn wieħed u ieħor mal-età li fiha San Pietru ngħata l-martirju. Kien żmien il-gwerra, preċiżament l-1942 meta saret din l-iskoperta. Żgur li ma kienx il-waqt li l-Papa jagħmel ċertu dikjarazzjonijiet. Kellhom

jgħaddu madwar tmien snin oħra sabiex il-Papa joħroġ l-ewwel dettalji.

Wara s-sejba tal-Għadam taħt il-Ħajt l-Aħmar (Red Wall) xorta baqgħu jiskavaw il-post għal 3 snin oħra. Fl-1945 ilestu mill-iskavi.

L-arkeologi baqgħu jiskavaw għal tliet snin sħaħ oħra, jiġifieri sal-1945. Huma kienu sabu diversi oqbra oħra fejn il-qabar ta' San Pietru, ġieli midfunin wieħed fuq l-ieħor. Darba minnhom sabu anke fdalijiet ta' xi ħadd sinjur li ġie midfun f''ilbies sinjur, possibilment wieħed mill-Papiet bikrin ta' wara San Pietru. Instabu wkoll ammont kbir ta' muniti li jmorru lura sal-ewwel seklu.

**Wara l-1945 jibdew iħejju rapport dettaljat li joħdilhom ħafna snin, aktar milli ħasbu.**

Sal-1945, l-iskavi fuq il-qabar ta' San Pietru kienu virtwalment lesti u kompluti. Il-Papa kien talabhom rapport dettaljat ta' kollox li seta' anke jiġi ppubblikat. Imma dan ir-rapport lill-arkeologi beda joħdilhom diversi snin biex ilestuh. Kien hemm ħafna x'tirraporta. Ġurnalista Taljan, *Camille Gianfara* li kellu konnessjonijiet mal-Vatikan beda jiċċirkola xi vuċijiet u f'Awwissu tal-1949 xi gazzetti Amerikani fosthom in-*New York Times*, kienu diġà bdew jiċċirkolaw l-aħbar li l-Papa kien imminenti li jħabbar li kienu nstabu l-fdalijiet ta' San Pietru. Papa Pio XII xtaq li kieku jħabbar din is-sejba lejlet il-bidu tal-*Anno Santo*, jiġifieri lejlet il-Milied tal-1949, imma kien hemm xi kontratemp u r-rapport kien għadu mhux komplut. Jingħad li bl-ammont ta' *sketches* li kellhom jagħmlu għar-rapport, dawn ħadulhom ftit tal-ħin mhux ħażin biex ilestuhom, aktar milli kellhom ippjanat. Il-Papa kellu jippostponi kollox.

**Fit-23 ta' Diċembru 1950, fuq ir-Radju, Papa Pio XII iħabbar biss li kien instab il-qabar ta' San Pietru.**

Minflok fil-bidu tal-*Anno Santo*, Papa Pio XII kellu jagħti din l-aħbar lejn it-tmiem tal-*Anno Santo*. Kien it-23 ta' Diċembru tal-1950 meta fuq ir-radju l-Papa qal li kien instab il-qabar ta' San Pietru. Il-Papa qagħad ħafna attent li jpoġġi l-emfasi fuq il-qabar ta' San Pietru u mhux fuq l-għadam li kien instab. Kemm il-Papa u kemm il-kollaboraturi tiegħu kienu għadhom dubjużi mill-awtentiċità tal-fdalijiet. Kienu jafu li t-testijiet li saru fuqhom ma kienux biżżejjed fil-fond u kienu saru minn nies li għalkemm kienu jaħdmu bħala tobba, xorta ma kellhomx dak l-għarfien speċjalizzat f'dak il-qasam.

*"La questione essenziale è la seguente: È stata veramente ritrovata la tomba di San Pietro? A tale domanda la conclusione finale dei lavori e degli studi risponde con un chiarissimo "sì". La tomba del Principe degli Apostoli è stata ritrovata. Una seconda questione, subordinata alla prima, riguarda le reliquie del Santo. Sono state esse rinvenute? Al margine del sepolcro furono trovati resti di ossa umane, dei quali però non è possibile di provare con certezza che appartenessero alla spoglia mortale dell'Apostolo. Ciò lascia tuttavia intatta la realtà storica della tomba". (Discorsi e Radiom. XII, 380).*

***End of Story*? Le lanqas xejn. Il-kbir għadu ġej!**
**Tinstab il-ġebla bl-iskrizzjoni *Petros Eni.***

Jidher li l-affarijiet kienu qishom waslu f'punt fejn ma seta' jsir xejn iktar. Wara d-dikjarazzjoni tal-Papa ħafna kienu dawk li bdew jagħmlu diversi mistoqsijiet, speċjalment fuq l-għadam li kien instab. In-nies innutat li filwaqt li l-Papa kien qal li nstab il-qabar ta' San Pietru, fuq l-għadam li kien instab m'għamel l-ebda konklużjoni jekk kienx ta' San Pietru jew le. Jekk ma kienx ta' San Pietru mela ta' min kien? Imma possibbli, ma kien hemm l-ebda ħaġa li fiżikament setgħet turi li dak il-qabar kien verament ta' San Pietru?

Kien il-bidu ta' Diċembru 1950, ftit jiem biss qabel mal-Papa Pio XII kien ħabbar is-sejbiet fuq ir-radju meta seħħ fatt kurjuż ħafna. Wieħed mill-erba' arkeologi, Antonio Ferrua fettillu jinżel taħt l-artal fejn il-*Ħajt G* jew il-*Ħajt tal-Graffiti*. Dan qisu baqa' ftit kurjuż fuq dik it-toqba li kienet instabet fil-ħajt u li fiha kienu nstabu traċċi żgħar ta' għadam u munita antika medjevali. Mela dan f'mument minnhom reġa' poġġha l-lampa li kellu f'idejh mat-



Ritratt interessanti ferm ta' Margherita Guarducci li qed turi b'subgħajha fuq ritratt il-post fejn kienu moħbija l-għadam u l-fdalijiet awtentiċi ta' San Pietru, jiġifieri fil-moħba li kien hemm fil-Ħajt G (Wall G), il-Ħajt tal-Graffiti (Graffiti Wall). Kien f'Mejju tal-1952 meta waqt li Margherita Guarducci kienet fuq xogħol ieħor fin-Nekropoli Vatikana, il-Monsinjur responsabbli mill-Bażilika tal-Vatikan b'kumbinazzjoni wriha l-graffiti ta' fuq il-Ħajt tal-Graffiti. Qabel ma rat dan il-ħajt quddiemha bil-graffiti fuqu, hi ma kellha l-ebda interess partikolari fih speċjalment mir-rapporti estensivi li kienu ħarġu l-4 arkeologi bejn l-1949 u l-1950. Imma malli rat dawk il-graffiti hija ndunat li quddiema kien hemm xi ħaġa sensazzjonali. Qatt fil-karriera tagħha ta' epigrafista ma kienet rat graffiti bħal dawk. Issa l-Ħajt tal-Graffiti beda jinteressaha ħafna u kienet determinata li appena tlesti mix-xogħol li kellha tibda taqbad tistudjah. Margherita Guarducci bdiet tistudja l-graffiti f'Settembru tal-1953.




Meta Margherita Guarducci sabet ruħha quddiem il-Ħajt tal-Graffiti baqgħet immeraviljata. Hi kienet kapaċi mill-ewwel li tiddeċifra xi ismijiet imma kien hemm ukoll diversi kliem oħra strambi li qabel kienet qatt ma rat bħalhom. Hija damet xhur sħaħ tipprova tifhem x'setgħu jfissru dawk il-kelmiet. Fl-aħħar skopriet li l-graffiti kellhom sinjali żejda magħhom. Hija nnutat li ċerti drabi mal-ittri l-kbar kien hemm imissu magħhom ittri oħra żgħar, qisu xi tip ta' messaġġ sigriet. Damet bosta xhur tipprova tara x'kienu jfissru dawk is-sinjali imma ma setgħetx issib kaptu. Hija kienet ċerta li s-sinjifikat tal-graffiti kienu marbutin mal-affarijiet li kienu nstabu fil-moħba. Kien dan il-każ li wassal biex Margherita ssir taf bil-praspura ta' Mons. Ludwig Kaas u eventwalment li wasslet biex jinstabu l-fdalijiet awtentiċi ta' San Pietru Appostlu. Fid-diagram hemm spjegat xi tip ta' simbolu li nstabu fuq il-Ħajt tal-Graffiti b'referenza għal San Pietru.

toqba biex jerġa' jittawwal fiha u għall-iskantament tiegħu fin-naħa tal-estrem lemin tat-toqba ra biċċa ġebla mdaqqsa. Kien ċert li sa ftit ġranet qabel din ma kinitx hemm. Ġibidha u ħares lejha sew. Fuq il-ġebla donnu kien hemm xi skrizzjoni migrufa. Il-ġebla kienet lewn ħamrani u waqgħet eżatt fil-punt fejn il-*Ħajt tal-Graffiti* kien imiss mal-*Ħajt l-Aħmar*. Jekk tiftakru sewwa konna għidna li fil-biċċa fejn il-*Ħajt tal-Graffiti* jiltaqa' mal-*Ħajt l-Aħmar*, il-*Ħajt tal-Graffiti* (Wall G) ma kienx magħluq b'ġebel minn tiegħu stess imma kien jixref direttament fuq il-*Ħajt l-Aħmar*, u din il-ġebla waqgħet eżatt mill-*Ħajt l-Aħmar*. Konna għidna wkoll li meta kienu ġew biex jibdew jiskavaw il-qabar, l-arkeologi kienu taw titwila lil din it-toqba jew moħba u kienu ndunaw li mit-toqba setgħu jaraw il-*Ħajt Aħmar* imiss mal-*Ħajt tal-Graffiti* u fuq l-istess *Ħajt Aħmar* kien hemm xi graffiti wkoll. Meta Ferrua qabad din il-ġebla u poġġiha f'dawl qawwi seta' jara bħal kliem fuqha. Mal-ewwel daqqa t'għajn dehrlu li peress li l-ġebla kienet miksura, il-kliem ta' fuqha ma kienx sħiħ. Imbagħad meta ħares sew lejn il-kelma ta' fuq donnu lemaħ il-kelma **ΠΕΤΡΟΣ** li tfisser 'Pietru' bil-lingwa Griega mentri l-kelma t'isfel kienet tinqara **ENI** bil-Grieg ukoll li tfisser 'Hawn'. Aħna nafu li l-lingwa Griega ma baqgħetx tintuża mir-Rumani lejn tmiem is-seklu tlieta (290 A.D. circa), jiġifieri din l-iskrizzjoni bilfors li saret qabel dan il-perjodu. Din il-ġebla, jekk xejn kienet indikazzjoni ċara li l-fdalijiet ta' San Pietru kienu hemm x'imkien viċin. Sintendi din is-sejba ma setgħetx tiġi inkluża fir-rapport estensiv li l-arkeologi laħqu ppubblikaw.

### Margherita Guarducci tissaħħar fuq il-Graffiti tal-Qabar ta' San Pietru waqt li kienet fuq xogħol ieħor.

Fir-rebbiegħa tal-1952, il-Vatikan beda jipprepara biex in-Nekropoli li kienet instabet tinbidel f'wirja permanenti. Kienet in-norma li sakemm isiru t-testijiet neċessarji fuq kull artefatt, ma jingħatawx permessi biex turisti u viżitaturi jidħlu jaraw x'kien instab. Imma xi kultant kienu jsiru xi eċċezzjonijiet. Waħda mill-ftit persuni li ngħatat dan il-kunsens kienet Dr. Margherita Guarducci. Din kellha saħansitra permess personali mill-Papa Pio XII. Margherita Guarducci kellha madwar 50 sena u kienet tifforma parti mill-istaff akkademiku tal-Università La Sapienza ta' Ruma. Hija kienet professur tal-lingwa Griega antika u Epigrafista mill-aqwa u ta' fama internazzjonali. Ix-xogħol ta' epigrafu huwa li jinterpreta s-sinjali, s-simboli u l-alfabett ta' lingwi antiki u lingwi mejta. Oriġinarjament Margherita kienet tħalliet tidħol in-Nekropoli biex tagħmel analiżi ta' kitba li nstabet fil-qabar tal-familja antika Valerius (Valerius Tomb). Dan il-graffit b'kumbinazzjoni kellu jkun ukoll relatat mal-Appostlu San Pietru.

L-ewwel darba li Margeritha Guarducci daħlet fin-Nekropoli kien f'Mejju tal-1952. Din kienet akkumpanjata minn Monsignor Francesco Vacchini, *chief engineer* tal-Bażilika ta' San Pietru. Vacchini kien qed jimla temporanjament il-post ta' Mons. Kaas li kien għadu kif miet wara marda qasira fl-età fuq is-sebgħin sena. Dan Mons. Kaas, 'il quddiem se nitkellmu ħafna dwaru għax azzjoni minn tiegħu bidlet kompletament il-mixja li kellha twassal għas-sejbiet tal-fdalijiet ta' San Pietru. Mons. Vacchini ħa lil Margeritha dawra man-Nekropoli kollha, inkluż il-post fejn kien hemm il-qabar ta' San Pietru.

Mill-affarijiet li kienet qrat fir-rapport li kienu ppubblikaw l-erba' arkeologi ma tantx jidher li seta' kien hemm affarijiet li jqanqluha xi interess, imma meta Mons Vacchini ressaqha viċin il-*Ħajt tal-Graffiti (Wall G)*, baqgħet mistagħġba, kważi xxukkjata. Ta' epigrafista brava li kienet setgħet mill-ewwel taqra xi skrizzjonijiet, talb u invokazzjonijiet lil Ġesù u lil Marija, imma dak il-ħajt kellu xi ħaġa stramba, xi ħaġa li bħalha kienet għadha qatt ma rat. Hija nnutat li ma kull ittra kbira li kien hemm imħażża kien hemm bħal ittri żgħar imwaħħlin magħhom.

Fil-karriera twila tagħha madwar id-dinja, ħaġa bħal din kienet qatt ma rat. Issa dan il-ħajt beda jqanqalla ħafna kurżitajiet, imma fejn kienet se ssib dak il-ħin bl-impenji li kellha? Sa ftit minuti qabel, ma kellha l-ebda intenzjoni, lanqas minima, li tqattgħa sekonda waħda tistudja l-qabar ta' San Pietru. L-aġenda tagħha kienet mimlija sa ruħ ommha.

Mingħajr telf ta' żmien marret fil-qabar tal-familja Valerius biex tibda xogħol fuq id-deċifrazzjoni tal-kitba li l-Papa xtaqha tagħmel. L-arkeologi kienu jafu li kienet xi ħaġa relata ma' San Pietru imma ma setgħux isibu tarfha. Fi ftit minuti Guarducci rnexxielha tiddeċifra l-graffit li kien hemm, graffit li kellu konnessjoni ma' San Pietru u kompla jikkonferma li taħt il-Bażilika verament kien hemm il-qabar ta' San Pietru.

F'dan il-graffit Margherita Guarducci rnexxielha ssib dan il-messaġġ: PETRUS ROGA CHRISTUS JESU PRO SANCTIS HOMINIBUS CRESTIANUS AD CORPUS TUUM SEPULTIS li tfisser *'Pietru, itlob lil Ġesù Kristu għan-nies qaddisa nsara midfuna ħdejk'*.

### Margherita Guarducci tintefa teżamina bis-saħħa kollha l-Graffiti tal-*Ħajt G*

Imma Margherita Guarducci issa l-interess tagħha kien il-*Ħajt tal-Graffiti* tal-qabar ta' San Pietru. Kienu wisq interessanti. Hija talbet il-permess biex tkun tista' tistudjah, liema permess ingħatalha minnufih. Madankollu, minħabba l-impenji tagħha hija ma setgħetx tibda tistudjah qabel is-sena 1953. Margherita tefgħet l-attenzjoni u l-isforzi tagħha lejn u nhar fuq il-graffiti tal-*Ħajt G* tal-qabar ta' San Pietru. Għamlet ġranet, ġimgħat u xhur sħaħ tieħu ritratti u tanalizza l-graffiti fid-dettal, xogħol li kienet tkomplieh anke meta tmur lura d-dar tagħha. Issa kienet qabdet rutina fuq dan ix-xogħol. Ma kienet taħli l-ebda sekonda. Il-lezzjonijiet u x-xogħol l-ieħor relatat mal-Università biss kien qiegħed itellifha milli tibqa' kkonċentrata totalment fuq il-graffiti tal-qabar ta' San Pietru. Fil-ħin liberu tagħha kienet tikkonsulta ma' riċerki oħrajn biex tara ssibx is-soluzzjoni għal dawk is-sinjali strambi li bdiet tara ma' kull ittra, imma donnu minkejja l-esperjenza kbira tagħha, l-isforzi li bdiet tagħmel ma bdew iwassluha mkien. Kienet taf li quddiemha kien hemm xi ħaġa eċċezzjonali u ta' importanza arkeoloġika kbira, xi ħaġa illi qatt qabel ma kien instab bħalha. Ma qatgħatx qalbha u baqgħet tippersisti. Fl-aħħar innutat li l-graffiti kienu qed jiffurmaw messaġġ kriptografiku, jiġifieri li fil-graffiti kien hemm sinjali jew kodiċi 'sigrieti', intenzjonati li jinftehmu biss miċ-ċirku ta' min seta' kien l-awtur warajhom, li f'dan il-każ kienu l-insara. Ma ninsewx li meta saru dawn il-graffiti, il-Kristjani kienu għaddejin minn persekuzzjoni qalila ħafna. Fil-graffiti hija setgħet tinnota li bejn l-ittri u anke mal-ittri stess kien hemm sinjali li jirreferu għal Ġesù, għal Marija u anke għal San Pietru. Innutat pereżempju li biex jirreferu għal San Pietru kienu ħażżu il-'P' ta' Pietru u 'E' żgħira ħafna ma' saqajha isfel nett, b'tali mod li tiġi tixbaħ muftieħ, wieħed mis-simboli ta' San Pietru.

### L-għadam jiġi eżaminat minn bniedem espert, Profs Venerando Correnti tal-Università ta' Palermo.

Matul is-snin il-kwistjoni tal-għadam li kien instab taħt il-*Ħajt l-Aħmar* eżatt fejn kien midfun San Pietru, baqgħet tikber. Il-Vatikan xtaq li din il-kwistjoni tinqata u għalhekk fir-rebbiegħa tal-1956 ġie avviċinat il-Professur Venerando Correnti, espert ta' fama mondjali biex jeżamina l-għadam li kien instab fl-1942. It-teknoloġija u l-għarfien f'dan il-qasam issa kien kiber sew minn mindu ġew

eżaminati l-aħħar mit-tobba personali tal-Papa. Issa l-eżamijiet setgħu jsiru b'mod aktar akkurat. L-istudju fuq dan l-għadam ħa madwar erba' snin u tterminahom fl-1960.

Papa Pio XII miet fis-6 t'Ottubru 1958 matul l-istudju xjentifiku ta' dawn l-għadam. Il-Papa li tant kien ħadem fuq dawn l-iskavi u tant wera interess, ma kellux l-opportunità li jkun jaf jekk dak l-għadam kienx ta' San Pietru jew le. Warajh laħaq Papa Ġwanni XXIII li dam Papa sat-3 ta' Ġunju 1963, imma dan il-Papa ma kienx bħal ta' qablu. Kien daħal għall-proġett il-kbir tal-Konċilju Vatikani II u ħin ftit li xejn kellu għal spekulazzjonijiet arkeoloġiċi, apparti wkoll li wisq probabilment din il-materja ma tantx kienet tinteressah.

Sadanittant il-Professur Correnti kien lesta mit-testijiet fuq l-għadam ta' taħt il-*Ħajt l-Aħmar* li kienu sabu l-erba' arekeologi. Ir-riżultat kien veru diżappuntanti. L-għadam li kien instab taħt il-*Ħajt l-Aħmar* ma setax ikun dak ta' San Pietru. Correnti qal li l-għadam kien ta' erba' persuni differenti: żewġt irġiel fl-età ta' ħamsin sena; raġel ieħor ta' erbgħin sena; ta' mara xiħa ta' madwar sebgħin sena u anke ta' annimali differenti. Dan l-għadam li għal kważi tmintax-il sena kien it-tama ta' ħafna nies, spiċċa sors ta' delużjoni kbira mmens. Correnti kellu sett ieħor t'għadam x'jeżamina, liema għadam beda jistudjahom fl-1962.

## Episodju gravi li seħħ lura fis-snin li dwaru l-erba' arkeologi ma kienu jafu xejn.

Iktar 'il fuq f'din il-kitba aċċennajt għal xi ħaġa li bidlet kompletament ir-rotta għas-sejba definittiva tal-fdalijiet ta' San Pietru. Li kieku ma ġarax dan li se ngħidilkom bih issa, kieku l-fdalijiet ta' San Pietru kienu wisq probabilment jinstabu qabel. Iktar 'il fuq għedt li l-arkeologi kienu għamlu skoperta sensazzjonali fin-naħa tat-Tramuntata tal-artal tal-Bażilika. Hemmhekk kienu sabu l-*Ħajt tal-Graffiti* li ġo fih kellu spazju vojt miksi b'kisja li fuqha kellha kwantità kbira ta' graffiti li minnhom il-ħajt ħa l-isem. Li ma kienx għal toqba fin-naħa t'isfel ta' dan il-ħajt, probabilment kienu jdumu ma jindunaw li wara dik il-kisja kien hemm xi ħaġa moħbija. Imma dik id-darba tant kemm ma ridux jaħlu ħin magħha li lanqas biss għamlu kalkolu ta' kemm materjal seta' kien hemm moħbi warajha. Imma t-tieni darba li marru jarawha ddeċidew li jaraw



L-għadam li kien instab fil-loculus ta' Ħajt G, il-Ħajt tal-Graffiti. Dan l-għadam kien sabu Mons. Kaas flimkien ma' ħaddiem tal-Vatikan kunjomu Segoni. Dan kien sabhom f'wieħed mid-dawriet notturni li s-soltu kien jagħmel appena jitilqu l-arkeologi. Imma peress li hu ma kienx jifhem fl-importanza arkeoloġika tagħhom, poġġihom ġo kaxxa tal-injam u refagħhom f'kamra fil-Grotti Vatikani. B'din is-sejba li kien għamel huwa ma kien għarraf lil ħadd mill-4 arkeologi. L-arkeologi itterminaw l-iskavi, ħarġu r-rapporti kollha u fuq dawn il-fdalijiet baqgħu qatt ma saru jafu xejn dwarhom. Kien b'kumbinazzjoni li wara ħafna snin Margherita kienet qed titkellem ma' dak l-istess ħaddiem li kien akkumpanja lil Kaas fid-dawriet notturni tiegħu. Hu kien qalilha li l-fdalijiet li kienu sabu ġo dik it-toqba fil-ħajt kienu refgħuhom f'kaxxa u poġġewhom f'kamra fil-Vatikan. Dan l-għadam kienu ilu fil-kamra daqs għaxar snin mingħajr qatt ma' l-arkeologi ġew infurmati bis-sejba.

x'kien hemm ġewwa fiha u għidna li meta nadfuha kulma sabu kien munita antika, ftit ħajt tad-deheb u biċċiet żgħar ħafna t'għadam.

Imma fil-verità, sakemm marru jittawlu fit-toqba għat-tieni darba, ġrat biċċa, li huma stess ma kienu jafu xejn dwarha ħlief wara ħafna snin meta l-istudju tagħhom kien ilu diġà snin twal ippubblikat. Mons. Ludwig Kaas, il-bniedem responsabbli mill-Bażilika u anke l-bniedem li taħtu ġiet fdata l-operazzjoni arkeoloġika, kienet drawwa tiegħu li matul il-lejl jew eżatti kif l-arkeologi jkunu żarmaw minn xogħlhom, jinżel isfel u jara x'kienu jkunu sabu dik il-ġurnata. Peress li kien bniedem tar-ruħ u ma kienx jiflaħ jara għadam mitluq 'l hemm u 'l hawn bl-addoċċ kellu vizzju li jiġborhom f'kaxxi u jerfagħhom x'imkien. Kien jemmen li dawk il-fdalijiet kellhom jiġu trattati b'dinjità. L-istess ġara dik id-darba li l-arkeologi sabu l-*Ħajt tal-Graffiti* għall-ewwel darba u ddeċidew li jeżaminawh darb'oħra. Dak il-lejl Mons. Kaas flimkien ma' Giovanni Segoni wieħed mill-ħaddiema *sanpietrini* tal-Bażilika, niżlu fejn dan il-ħajt u resqu lejn it-toqba. Ġiethom il-kurżità u ttawlu fiha. Dawn ukoll intebħu li wara dik il-kisja kien hemm xi ħaġa. Mons. Kaas ordna lil Segoni biex iwessa ħarira oħra t-toqba mingħajr ma jagħmel ħsara lill-graffiti u joħroġ l-affarijiet kollha minn warajha. Segoni hekk għamel u f'kemm ili ngħidlek ħareġ kwantità kbira ta' għadam u debris ieħor. Kaas poġġgha kollox ġo kaxxa tal-injam, u fuq biċċa karta kiteb *'ossa-urna-graf'* u waħħalha b'biċċa tejp fuqha. Din il-kaxxa mbagħad qabadha u ħadha f'waħda mill-kmamar li kien hemm fil-Grotti Vatikani. Issa nsaqsikom: Ta' min taħsbu li kienu dawn il-fdalijiet? Imma b'dan kollu, l-arkeologi qatt ma ġew infurmati. Kien għalhekk li meta l-arkeologi marru jeżaminaw it-toqba għat-tieni darba kulma kienu ħarġu biss ftit frak. Dan kien episodju li kellu jħalli effett gravi u devastanti fuq ir-riżultat tar-riċerka u l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-erba' arkeologi. Li kieku Kaas m'għamilx din il-mossa kieku l-fdalijiet ta' San Pietru kienu jinstabu qabel, imma minflok kellhom jibqgħu magħluqa f'kaxxa f'wieħed mill-kmamar tal-Bażilika għal madwar għaxar snin oħra.

Kien fl-1952 waqt li kienet qed tistudja l-*Ħajt tal-Graffiti* meta b'kumbinazzjoni Margherita ltaqgħet ma' Segoni, u saqsietu dwar x'kien instab fit-toqba. Segoni qalilha li hu stess kien ħareġ l-affarijet minn ġo fiha u fi ftit minuti kien ħadha f'dik il-kamra li fiha, hu u Kaas kienu refgħu l-kaxxa tal-injam bil-fdalijiet. Mons Kaas kien għadu kif miet riċentament. Timmaġinaw x'kien jiġri li kieku Segoni kien laħaq miet ukoll? Probabilment il-fdalijiet ta' San Pietru kienu jintilfu u ma jiġu identifikati qatt. Imma Guarducci ma kinitx taf x'ġara verament. Ma kinitx taf li l-erba' arkeologi qatt ma kienu ġew infurmati b'dik il-kaxxa. Tistgħu tobsru kemm stagħġbet meta mill-kaxxa ħarġet numru kbir ta' għadam imdaqqas. Guarducci kienet qratu sew ir-rapport dettaljat tal-erba' arkeologi u kienet tiftakar tajjeb li fir-rapport tagħhom kienu kitbu li mit-toqba kienu ħarġu biss ftit frak żgħir tal-għadam, deskrizzjoni ferm 'il bogħod minn dak li bdiet tara quddiemha. Kellhom jgħaddu kważi għaxar snin oħra sakemm f'laqgħa li kellha mal-erba' arkeologi, li fiha Segoni ġie wkoll mistoqsi xi domandi kjarifikatorji, irrealizzaw x'kien ġara verament. Issa Margherita saret taf li ma kienx it-tort tal-erba' arkeologi. Ma ngħidilkomx kif baqgħu issummati l-erba' arkeologi. Kirschbaum biss ġie konxju minn dak li ġara. It-tlieta l-oħra ma setgħux jaċċettaw li tant snin ta' studju u rapporti twal sfaw duħħan minħabba 'bravata' ta' min suppost kien qed jiggwidahom.

Issa Margherita Guarducci kienet poġġiet l-għadam tal-kaxxa tal-injam għat-testijiet tal-Professur Correnti. Minħabba li kien għadu għaddej bl-istudju fuq l-għadam li kien instab taħt il-*Ħajt l-Aħmar*, Correnti ma bediex jaħdem fuqhom qabel is-sena 1962. Meta beda jistudjahom Correnti ħaseb li kien se jerġa' jsib għadam imħallat ta' nies differenti, imma għall-iskantament tiegħu din id-

SAN PIETRU APP




F'dan id-diagram qed naraw il-partijiet tal-għadam awtentiċi ta' San Pietru, li nstabu moħbija f'Ħajt G. Il-partijiet skuri huma dawk li nstabu mill-iskeletru kollu. Innutaw kif ma nstab kważi l-ebda għadma tal-pala tas-saqajn. Din iktar kompliet tikkonvinċihom li l-fdalijiet kienu dawk proprja ta' San Pietru, għax ħafna drabi meta kienu jneħħu l-ikkundannati minn fuq is-salib, biex jeħilsu malajr kienu jaqtgħulhom saqajhom barra. Illum nofs dawn il-fdalijiet jinsabu fl-appartamenti tal-Papa u nofs l-ieħor ġew impoġġija lura f'kontenituri tal-plastic fil-moħba ta' Ħajt G b'rispett lejn il-post tad-difna tal-qaddis tagħna San Pietru. Fil-quddiesa li għalqet is-Sena tal-Fidi tal-2013, il-Papa Franġisku kien żamm f'idu għal ħin twil urna li fiha kien hemm dawn l-istess fdalijiet ta' San Pietru.

darba l-għadam kien ta' persuna waħda, ta' sess maskili fl-età ta' bejn is-sittin u l-ħamsa u sebgħin sena, b'korportatura b'saħħitha. Innota wkoll li fil-pori u fix-xquq żgħir li kien hemm fl-għadam kien hemm traċċi ta' ħamrija, sinjal li għalkemm Segoni kien ġabarhom minn dik it-toqba fil-ħajt, xi darba dawn il-fdalijiet kienu midfuna taħt l-art. Element ieħor kruċjali kien li partijiet mill-għadam kienu mtebba' b'lewn ħamrani, x'aktarx minħabba xi porpra ħamra jew vjola li kienu mgeżwrin fiha. Fdalijiet ta' dan il-porpra flimkien ma' xi ħjut tad-deheb instabu frak mal-istess għadam. Kien jidher ċar li qabel ma' dawn il-fdalijiet tpoġġew fil-moħba ta' wara l-ħajt tal-graffiti, xi ħadd kien qalagħhom minn posthom fl-art u poġġihom f'mantell aħmar jew vjola b'sinjal ta' rispett kbir. Mill-eżamijiet li saru fuq il-ħamrija ta' mal-għadam, instab li kienet mill-istess punt fl-art fejn kien hemm il-qabar ta' San Pietru.

**Guarducci toħroġ bit-teorija tal-fdalijiet awtentiċi ta' San Pietru Appostlu**

Kienet Margherita Guarducci li ħarġet bit-teorija li l-fdalijiet li nstabu fil-Ħajt tal-Graffiti kienu dawk tal-Appostlu San Pietru. Imma x'kienet ir-raġuni l-għala l-fdalijiet nstabu f'toqba f'ħajt u mhux fil-qabar tiegħu stess fl-art? X'kien l-użu ta' dik it-toqba, jew niċċa jew moħba sejħilha li trid li kien hemm wara l-*Ħajt tal-Graffiti*? Tgħid kienet moħba li fiha setgħu jiġu moħbija l-fdalijiet tal-qaddis mill-persekuzzjoni qalila ta' żmien ir-Rumani? Nafu li fiż-żmien li nbena l-*Ħajt G* (circa 250 A.D.), il-*Ħajt tal-Graffiti* kien bejn wieħed u ieħor lejn in-nofs tat-tielet seklu, iż-żmien li fih il-Kristjani kienu fl-eqqel tal-persekuzzjoni taħt l-Imperaturi Deċju u Valerjanu.

L-affarijiet ma waqfux hemm. Guarducci riedet tara eżattament x'kienet dik il-biċċa drapp li nstabet mal-għadam. Hija bagħtet dawn il-fdalijiet biex jiġu eżaminati fil-laboratorju. Ir-riżultat kien wieħed li kienet qed tistenna. Instab li kienu ta' porpra magħmula minn materja rarissima u raffinata ħafna għal dak iż-żmien. Fil-laboratorju ħareġ ukoll li l-porpra kellha kulur ħamrani jew vjola, il-kulur li kien riservat biss għas-sinjuri, għas-slaten u r-rejiet u l-awtoritajiet għolja Rumani. Fil-laboratorju ġie eżaminat ukoll il-ħajt tad-deheb li kien irrakmat magħha u sabu li kien ta' deheb pur, maħdum bl-aqwa sengħa.

Minħabba l-munita li kienet instabet ġewwa fil-kompartiment vojt ta' *Ħajt G*, l-arkeologi tal-bidu kienu tal-fehma li din il-moħba setgħet infetħet jew ġiet imbabsa f'xi żmien fil-medjuevu. Guarducci però kienet soda fil-fehma tagħha u qalet li dan il-kompartiment *f'Ħajt G* qatt ma ġie mimsus. L-għadam ta' San Pietru kien ilu moħbi hemmhekk sa mill-ewwel darba li xi ħadd kien ħbieh u ssiġillah wara kisja ħoxna ta' tafal u komposizzjoni oħra (plaster). Dan setgħet tikkonfermah għax fil-proċess li ġie studjat, il-ħajt ġie eżaminat biċċa biċċa u nstab li ma kienx mittiefes. Nafu li matul is-sekli dan il-post kienu jżuruh diversi pellegrini u dawn kienu jħallu xi muniti f'xi xquq tal-ħajt.

Anke meta nbniet il-Bażilika l-antika ta' Kostantinu, nafu li l-pellegrini kellhom bħal toqba fejn l-artal maġġur li minnha setgħu jdendlu xi biċċa drapp biex imissuha mal-qabar ta' San Pietru, l-istess toqba li minnha l-Ġiżwita Grisar kien niżżel bozza biex jara x'hemm. Li ġara huwa li waqt li l-arkeologi kienu qed jaqilgħu l-ġebel biex jippenetraw il-qabar huma wżaw għodda goffa ħafna u bid-daqqiet li bdew jagħtu mal-ħitan, *Ħajt G* ħass id-daqqiet, itriegħed u ċċaqlaq bil-konsegwenza li l-muniti li kienu fuq barra tal-ħajt jew fl-ixquq tiegħu ċċaqalqu u sabu ruħhom aktar 'il ġewwa jekk mhux ukoll fil-kompartiment stess fejn kien hemm l-għadam ta' San Pietru.

Punt ieħor li Margherita Guarducci ħasset li kellha temfasizza kienet is-sejba tal-ġebla bil-graffit *'Petros Eni'* fl-estrem lemin tal-kumpartiment sigriet. Dan il-graffit, qabel ma waqa' kien imwaħħal fuq ġewwa tal-moħba, eżatt fil-punt fejn *Ħajt G* imiss mal-*Ħajt l-Aħmar*. Margherita hija tal-fehma li dan il-graffit sar eżatti ftit minuti qabel mal-moħba bl-għadam ta' San Pietru ġiet ssiġillata. Il-ġebla bil-graffit *'Petros Eni'* waqgħet minn mal-ħajt għall-istess



Il-Papa Pawlu VI dakinhar tas-26 ta' Ġunju 1968 meta fl-aħħar udjenza li kellu għas-Sena tal-Fidi, stqarr li r-rapporti xjentifiċi u antropoloġiċi dwar l-għadam li nstabu f'Ħajt G kienu qed juru b'mod konvinċenti li dawk kienu dawk veri tal-appostlu San Pietru.

raġuni li semmejt qabel, li tant kemm l-arkeologi gguffaw bl-għodda tagħhom biex ippenetraw il-qabar, li bid-daqqiet, din inqalgħet u waqgħet ġewwa.

Fl-istudju tagħha tal-fdalijiet li nstabu ġewwa l-urna fil-moħba ta' *Ħajt G*, kien hemm biċċiet żgħar minn kranju ta' ras ta' skeletru. It-tradizzjoni tgħid li ras San Pietru u ras San Pawl huma miżmuma fil-Lateran ta' Ruma. Hija riedet tqabbel il-fdalijiet li nstabu f'Ħajt G ma' ras San Pietru tal-Lateran. L-aħħar darba li din kienet ġiet eżaminata kien fl-1804 u kien ġie rrapportat li t-teskju kien fi stat ta' tmermir kbir. Flimkien mal-Professur Correnti, hija talbet il-permess ta' Papa Pawlu VI biex tkun tista' tqabbel iż-żewġ fdalijiet. Il-Papa ma damx ma tahom permess imma minħabba l-qima u l-venerazzjoni antika ta' din ir-relikwija għamlilhom kundizzjoni li ma jippubblikaw xejn u fl-aħħar tat-testijiet jgħidu biss jekk iż-żewġ fdalijiet, kienux jew le kunfliġġenti għal xulxin. Fil-ktieb ta' Evangelist Walsh (1982) insibu hekk: *'At the termination of this slow and careful study, their conclusion was absolute: nothing found in the reliquary interfered in any way, not in the slightest, with the claims made for the graffiti wall bones.'*

**Il-Papa Pawlu VI jħabbar li l-fdalijiet awtentiċi ta' San Pietru Appostlu kienu nstabu**

Fis-26 ta' Ġunju 1968, il-Papa Pawlu VI, fl-aħħar udjenza tas-Sena tal-Fidi li bdiet fis-sena ta' qabel, fil-Ġubilew tal-1,900 anniversarju mill-martirju ta' San Pietru u San Pawl u li issa kienet waslet biex tintemm, ħabbar lid-dinja li wara l-iskavi li kienu ilhom li bdew mill-1939, kważi tletin sena, kien hemm biżżejjed provi antropoloġiċi xjentifiċi konvinċenti biex wieħed jgħid li l-fdalijiet awtentiċi ta' San Pietru Appostlu kienu verament instabu. Il-Papa kien jaf li mostoqsijiet u dubji kienu se jibqgħu jfiġġu imma hu kien konvint.

Meta wieħed iħares lejn l-ammont ta' fatturi u elementi kruċjali, ibda mill-qima antika lejn l-qabar mill-mument tad-difna, sal-bini tal-bażilika l-antika li Kostantinu riedha eżatti fuq il-qabar ta' San Pietru u li minħabba fiha Kostantinu kellu jagħmel użu mis-saħħa imperjali kollha tiegħu biex jibniha tant li kelli jordom nekropoli u jaqta' mill-art tal-għolja Vatikana bilfors li wieħed irid jifhem li dan żgur ma kienx b'kumbinazzjoni mill-bidu sal-aħħar.

**Tmiem**

Fl-2013 fit-tmiem is-Sena tal-Fidi il-Papa Franġisku f'quddiesa solenni fi Piazza San Pietro, nhar il-Ħadd 22 ta' Novembru, espona, inċenza u żamm f'idu l-urna li fiha kienet iżżomm uħud minn dawn il-fdalijiet li kienu nstabu. Din kienet l-ewwel darba li l-Vatikan espona dawn il-fdalijiet fil-pubbliku. Preżenti kien hemm xi membri tas-Soċjetà tagħna li telgħu apposta għal dan l-avveniment uniku.

Bħalma għidna s-sena li għaddiet meta tkellimna dwar l-aktar teoriji differenti li jeżistu dwar il-post, id-data u l-mod li bih ħa l-martirju San Pietru, iċ-ċavetta ta' dan kollu hija l-'fidi'. Il-Papa Pio XII stess kien qal li għall-Fidi Kattolika, jinstabu jew ma jinstabux il-fdalijiet ta' San Pietru ftit għandha tagħmel differenza: *"As regards the Apostle Peter and his place in the Church of Christ, while the proof from monuments of the sojourn and death of Peter in Rome is not of essential importance for the Catholic faith, nevertheless We caused the well-known excavations to be made under the basilica." (Allocution to the 10th International Congress of Historical Sciences, Rome, September 7, 1955, AAS 47 (1955) 672-82; see p. 675.)* Huwa veru li Ġesù qal lil Pietru li hu kien il-blata u li fuqu kien se jibni l-knisja tiegħu. Ironikament għalkemm l-istorja verament qed turina hekk, fil-veru sens letterarju, il-fidi tagħna titlobna nirrispettaw l-awtorità tal-Papa u t-tagħlim li minn żmien għal żmien huwa joħroġ bħala duttrina li għandha sservi ta' gwida spiritwali għalina.L-aħħar kelma tiegħi hija għall-Birżebbuġin kollha hija li j'Alla li din l-istorja ssaħħaħna aktar fil-fidi u fir-rispett lejn it-tagħlim tal-Papa u tal-Knisja Kattolika tagħna. Ifirħu u kunu kburin li intom imwielda Birżebbuġa, għax il-qaddis li aħna tgħammidna taħtu huwa kbir, meqjum mill-ewwel mument li fih huwa ħa l-martirju u għal sekli sħaħ, anke fl-eqqel tal-persekuzzjonijiet, l-insara ħadu ħsieb il-qabar tiegħu u bnewlu monument. L-Imperatur Kostantinu kellu saħansitra jċaqlaq u jaqta' fil-blat ta' għolja kbira biex jibni bażilika fuq il-qabar tiegħu.

Missierna San Pietru kien ivvenerat sa mill-bidu nett, fjamma qawwija li tisboq u tissupera d-devozzjoni ta' kull qaddis ieħor. Ejjew ma niddejqux u niċċelebraw aħna wkoll id-devozzjoni u l-kult tiegħu. Nersqu lejn Pietru fil-fidi tagħna u nuru lil Malta kollha l-imħabba li għandna lejn dan l-ikbar qaddis u l-ikbar appostlu. Viva Missierna San Pietru Appostlu.



Fuq xewqa tal-Papa Pawlu VI, l-għada stess tal-istqarrija li għamel, numru kbir ta' għadam identifikat bħala dak ta' San Pietru reġa' tpoġġa lura fit-toqba ta' Ħajt G (loculus) f'konteni turi tal-ħġieġ f'ċerimonja qasira imma solenni fil-preżenza tal-Papa nnifsu, ta' Margherita Guarducci, tal-Professur Correnti, prelati oħra u nutar li ddokumenta kollox biex jidħol kollox fl-arkivju tal-Vatikan. Fir-ritratt li qed taraw jidher l-għadam ta' San Pietru f'kontenituri tal-ħġieġ fil-moħba fejn kienu ilhom moħbija għal sekli sħaħ issiġillati wara kisja ħoxna ta' tafal.

**L-Iktar mumenti importanti li wasslu għas-sejba tal-Qabar u l-Għadam ta' San Pietru Appostlu f'Ruma.**

**64 A.D.,** **13 t'Ottubru** - San Pietru jiġi martirizzat imsallab rasu 'l isfel, x'aktarx fiċ-ċirku ta' Neruni fil-ġurnata ċelebrattiva tad-Dies Imperi tal-Imperatur Neruni. Jiġi midfun fil-qrib.

**160 A.D.** Jinbena l-Ħajt l-Aħmar (Red Wall) fuq il-qabar ta' San Pietru u ftit wara kważi fl-istess żmien jinbena monument imwaħħal miegħu, magħruf bħala t-trofew ta' Gaius jew il-monument ta' Gaius. Dan jitwaħħal fuq il-punt eżatt fejn kien midfun San Pietru.

**250 A.D.** Kartabun (right angle) mal-Ħajt l-Aħmar fuq il-qabar ta' San Pietru xi ħadd jibni l-Ħajt G, il-Ħajt tal-Graffiti. Dan beda jmiss eżatt mal-kolonni ta' naħa waħda tal-momunent magħruf bħala t-trofew ta' Gaius.

**290 A.D.** Ifiġġu l-graffiti fuq il-Ħajt G, il-Ħajt tal-Graffiti.

**313 A.D.** Bl-Editt ta' Milan, l-Imperatur Kostantinu jeħles lill-insara minn kull persekuzzjoni.

**318 A.D.** Kostantinu beda jibni l-Bażilika l-antika fuq il-qabar ta' San Pietru. Kellu battikata kbira għax biex joħloq art ċatta ried jordom iċ-ċimiterju u jaqta fil-blat mill-Għolja Vatikana. Huwa dawwar il-Qabar ta' San Pietru, inkluż Ħajt G b'ħitan tal-irħam f'forma ta' kamra u għamlu li jiġi eżatt fiċ-ċentru tal-Bażilika. Il-Bażilika titlesta fis-sna 348 A.D. u tiġi kkonsagrata fis-sena 360 A.D. Ħafna pellegrini jżuru l-qabar ta' San Pietru matul is-sekli.

**846 A.D.** Saraċeni Għarab jiżbarkaw viċin Ruma u jattakkaw il-Bażilika ta' San Pietru.

**1506** **18 t'April** - Tibda tinbena l-Bażilika tal-Vatikan li naraw illum taħt il-Papa Ġulju II. Tlestiet fit-18 ta' Novembru 1626 u kkonsagrata fl-istess ġurnata.

**1939** **10 ta' Frar** - Imut il-Papa Pio XI. Wara li sar id-dfin tiegħu, il-Vatikan jieħu deċiżjoni li jibda xogħol biex l-art tal-Grotti Vatikani titbaxxa u jiġi rekuperat aktar spazju.

**1939** **Mejju** - Il-ħaddiema jsibu għall-ewwel darba ħitan ta' oqbra antiki ta' Nekropoli Rumana.

**1941** **l-ewwel xhur** - Jiġi formalment iffurmat grupp ta' 4 arkeologi u jibdew jiskavaw in-Nekropoli. Il-Papa jpoġġi lil Mons. Kaas bħala l-kap tat-tim kollu peress li hu kien l-amministratur ewlieni tal-Bażilika tal-Vatikan.

**1941** Sal-ewwel għaxar xhur kienu diġà skavaw dsatax-il kamra funerarja.

**1942** L-4 arkeologi flimkien ma' Mons. Kaas, jagħmlu talba lill-Papa Pio XII biex jippenetraw il-ħitan ta' taħt l-artal ewlieni tal-Vatikan.

**1942** Jippenetraw il-qabar ta' San Pietru mid-direzzjonijiet kollha tal-artal. Wara li jaqilgħu sensiela ta' ġebel fin-naħa tat-tramuntana tal-artal, isibu ma' wiċċhom ħajt mimli graffiti (Ħajt G). Fin-naħa t'isfel tal-ħajt kien hemm toqba. Kien jidher li wara dan il-ħajt kien hemm bħal moħba. L-4 arkeologi jiddeċiedu li jħalluha u jispezzjonawha darb'oħra. Sakemm marru biex jeżaminawha għat-tieni darba, Mons. Kaas u Segoni, ħaddiem tal-Vatikan, kif kellhom drawwa, niżlu bil-lejl isfel waħidhom biex jaraw x'kienu sabu l-arkeologi. Huma fettillhom jaqilgħu xi għadam u debris ieħor minn ġot-toqba mingħajr ma jwessugħha ż-żejjed. B'rispett tal-persuna l-mejta, Kaas u Segoni, bħas-soltu qabdu u refaw l-għadam f'kaxxa u mbagħad poġġewha f'kamra fil-Vatikan, mingħajr qatt ma nfurmaw l-4 arkeologi b'dak li sabu jew għamlu. L-4 arkeologi ma jindunawx li l-moħba ta' Ħajt G ġiet żvujtata u fir-rapport jiktbu li ma sabu xejn ħlief ftit trab u munita. Dan kien fatt li kellu konsegwenzi serji fuq ir-riċerka sħiħa biex l-għadam ta' San Pietru jiġi awtentikat.

**1942** L-4 arkeologi jsibu bħal kamra żgħira oħra wara Ħajt G. Jindunaw li kienu fil-post eżatti fejn indifen San Pietru. Eżatti taħt il-Ħajt l-Aħmar isibu bħal xaqq u spazju kbir li fih kien hemm kwantità kbira ta' għadam. Il-Papa jinżel jiġri jara u jieħu l-għadam kollu fl-appartament tiegħu magħluq f'kontenituri. Kulħadd kellu tama qawwija li kienu ta' San Pietru. It-tabib personali tal-Papa, wara li għamel eżaminazzjoni ħafifa tal-għadam kien qal li dawn kienu jidhru ta' persuna avvanzata fiż-żmien. Il-Papa Pio XII kellu qalbu qawwija imma kien jaf li ma kien hemm xejn xjentifikament ippruvat.

**1945** Jitlestew l-iskavi kollha fil-qalba tal-qabar ta' San Pietru, imma issa l-4 arkeologi kellhom jibdew jaħdmu fuq ir-rapport estensiv u dettaljat tal-affarijiet kollha li sabu.

**1949** **22 t'Awwissu** - Jibdew jiċċirkulaw vuċijiet fil-media Amerikani li l-Papa kien se jħabbar dalwaqt affarijiet ġodda u sensazzjonali fuq xi skavi arkeoloġiċi li kienu saru taħt l-artal ewlieni tal-Vatikan.

**1950** L-4 arkeologi fl-aħħar ilestu rapport estensiv u dettaljat dwar in-Nekropoli u l-qabar ta' San Pietru. Ħadilhom żmien aktar milli kienu qed jaħsbu. Il-Papa kellu jippostponi t-tħabbira minħabba d-dewmien f'dan ir-rapport. Hu kellu l-ħsieb li jħabbar is-sejba tal-qabar ta' San Pietru lejlet il-Milied tal-1949, fil-ftuħ tal-Anno Santo, imma r-rapport ma kienx għadu lest.

**1950** **fil-bidu ta' Diċembru** - Waqt ispezzjoni ta' bla ħsieb, ftit ġranet biss qabel mal-Papa Pio XII kien se jħabbar fuq ir-radju s-sejba tal-qabar ta' San Pietru, l-arkeologu Antonio Ferrua isib ġebla ġewwa l-moħba ta' Ħajt G. Din kienet għadha kif inqalgħet minn mal-ħitan ġewwinija tal-moħba stess. Fuqha kien hemm iskrizzjoni bil-Grieg antik li tgħid Petros Eni (Pietru qiegħed hawn), dettal li wasal tard wisq biex jiġi nkluż fir-rapport.

**1950** **23 ta' Diċembru** - Fuq ir-radju bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet konklussivi tal-Anno Santo (1949-1950), l-Papa Pio XII iħabbar li kien instab il-qabar ta' San Pietru imma ma jieħux pożizzjoni fuq l-għadam li l-4 arkeologi kienu sabu fl-1942 eżatt taħt il-Ħajt l-Aħmar (Red Wall).

**1952** **April – Ġunju** - Jibda l-proċess biex in-Nekropoli titnaddaf u tiġi mibdula f'wirja permanenti.

**1952** **Mejju** - Margherita Guarducci ssib ruħha b'kumbinazzjoni quddiem il-Ħajt G waqt li kienet qed tagħmel xogħol ieħor ta' deċifrazzjoni fuq skrizzjoni li nstabet fin-Nekropoli. Gaurducci tibqa' mistgħaġba bil-graffiti partikolari ta' Ħajt G.

**1953** **Settembru** - Guarducci tibda tistudja l-graffiti misterjużi ta' Ħajt G tal-qabar ta' San Pietru.

**1953** Waqt li kienet quddiem il-Ħajt tal-Graffiti (Ħajt G) fil-qabar ta' San Pietru, jinżel ħdejha Segoni u tibda titkellem miegħu għall-ewwel darba. Il-kliem jaqa' fuq it-toqba tal-ħajt. Jgħidilha li għaxar snin qabel kienu hu u Mons. Kaas li batlu kollox f'kaxxa. Huwa juriha l-kaxxa u l-għadam li kienu ħarġu mill-moħba. Bejn dak li bdiet tara quddiemha u dak li kienet qrat fir-rapport tal-4 arkeologi kien hemm baħar jaqsam. Guarducci kienet għadha ma taf b'xejn bil-qassata li kienu għamlu Segoni u Kaas minn wara dahar l-arkeologi. Għal ftit ma bdietx taħseb li l-4 arkeologi ma kienux għamlu xogħlhom sew.

Guarducci informat lill-Vatikan bil-fdalijiet ta' din il-kaxxa, filwaqt li ħadithom magħha u refathom f'post sigur fl-uffiċini amministrattivi tal-Vatikan.

1956 **Rebbiegħa** - Il-Vatikan javviċina lill-Prof Venerando Correnti mill-Università ta' Palermo biex jagħmel it-testijiet xjentifiċi approfonditi fuq l-għadam li kien instab taħt il-Ħajt l-Aħmar.

1958 **6 t'Ottubru** - Imut Papa Pio XII, il-Papa li ta mbuttatura kbira lill-iskavi tal-Qabar ta' San Pietru. Sfortunatament kellu jħalli din id-dinja qabel ma kellu jkun jaf il-verità kollha fuq l-għadam li nstab taħt il-Ħajt l-Aħmar.

1960 Wara studju kbir fuq il-graffiti, Margherita Guarducci tippubblika l-ewwel ktieb tagħha fuq il-Qabar ta' San Pietru.

1960 Wara erba' snin, Correnti jtemm it-testijiet fuq l-għadam li kien instab taħt il-Ħajt l-Aħmar. Jikkonferma li kienu kollha ta' nies differenti u żgur mhux ta' San Pietru. Diżappunt kbir.

1962 **Ottubru** - Correnti jibda jeżamina l-għadam li Mons. Kaas u Segoni kienu ġabru mill-moħba tal-Ħajt G mingħajr ma kienu nfurmaw l-4 arkeologi bis-sejba tagħhom.

1963 Kmieni fis-sena - Correnti jittermina l-istudju tiegħu tal-għadam tal-moħba ta' Ħajt G.

1963 **3 ta' Ġunju** - Imut il-Papa Ġwanni XXIII. Dan ma tantx kien wera interess fl-iskavi.

1963 **Ġunju** - Waqt li kienu qed isiru l-Konklavi, il-Professur Correnti jinforma lil Guarducci li l-għadam li nstab fil-moħba ta' Ħajt G ma kienx bħall-ieħor, imma kien ta' persuna waħda, ta' sess maskili, ta' età bejn 60 u 75 sena u ta' korporatura b'saħħitha. Mal-għadam ta' din il-persuna kien hemm traċċi ta' porpra b'ħajt tad-deheb, sinonima biss mas-slaten, rejiet u nies sinjuri ta' ċertu stima u rispett. Issa Guarducci bdew jiġuha ħsibijiet serji.

1963 **21 ta' Ġunju** - Jilħaq il-Papa Pawlu VI, ħabib antik tal-familja Guarducci.

1963, **Novembru** - Guarducci tiltaqa' ma' Papa Pawlu VI u tagħtieh l-ewwel ħjiel ta' dak li hi u Correnti kienu sabu. Il-Papa Pawlu VI juri interess kbir ħafna fis-sejbiet arkeoloġiċi li saru.

1964 **Jannar u Frar** - Guarducci u Correnti jiltaqgħu darbtejn oħra mal-Papa Pawlu VI fejn ressqu talba biex jagħmlu 4 testijiet differenti: fuq it-tessut tal-porpra u l-ħajt tad-deheb, fuq il-ħamrija li sabu mal-għadam, fuq l-għadam tal-annimali u fl-aħħar li jsir paragun tal-għadam ta' Ħajt G mat-teskju ta' San Pietru li kien hemm fil-Lateran. Il-Papa japprova.

1964 **April sa Settembru** - Isiru t-testijiet fuq il-porpra, l-għadam tal-annimali u t-teskju ta' S.Pietru fil-Lateran. Kien ukoll matul dan iż-żmien li Guarducci tiġi f'kuntatt dirett mal-4 arkeologi tal-bidu u għall-ewwel darba ssir taf li huma ma kienux jafu x'kien għamel Mons. Kaas minn wara darhom. Issa bdiet tifhem tassew il-għala kienu 'traskuraw' dettalji li għaliha dehru importanti ħafna. Ħafna mill-konklużjonijiet li kienu għamlu ġew invalidati. Fid-dispjrament tagħhom, Guarducci ma setgħetx ħlief tlumhom u titħassarhom. Dan ifisser li l-4 arkeologi kellhom isiru jafu bil-veritá kollha u bil-qassata ta' Mons. Kaas, 22 sena wara li ġara l-akkadut (1942).

**1964 wara Settembru** - Joħorġu r-riżultati uffiċċjali tat-testijiet li saru fuq id-drapp, il-ħamrija ta' mal-għadam u t-teskju. Kollox beda jindika li dawk il-fdalijiet kienu potenzjalment awtentiċi ta' San Pietru. Guarducci tagħmel l-aħħar preparamenti għall-pubblikazzjoni tagħha tas-sejbiet il-ġodda.

1965 **Frar** - Margherita Guarducci tippubblika t-tieni ktieb tagħha fuq il-Qabar ta' San Pietru bis-sejbiet il-ġodda li għamlet speċjalment bl-għadam moħbi f'Ħajt G. L-istudju jiġi milqugħ tajjeb imma kien hemm ħafna li kkritikawh bl-aħrax. Guarducci tirrispondi punt punt anke xjentifikament li min tefa dubju fuq is-sejbiet tagħha.

1967 **Lulju** - Guarducci tippubblika kompendju li fih tat ir-risposti kollha lil kull min ressaq kritika jew poġġha fid-dubju t-teorija tagħha. F'dan il-kompendju ħasset li kellha ssemmi l-każ ta' Mons. Kaas u Segoni u biex żgur ma jkunx hemm dubju infurmat lill-qarrejja li bħala prova kien hemm affidavit ta' Segoni fl-arkivji tal-Vatikan.

1968 **26 ta' Ġunju** - Il-Papa Pawlu VI konvint mit-teorija ta' Guarducci, imsaħħin bil-provi xjentifiċi, jiddikkjara lid-dinja li kien hemm provi kunvinċenti biex wieħed jgħid li l-għadam ta' San Pietru Appostlu ġew identifikati.

1968 **27 ta' Ġunju** - Fuq xewqa tal-Papa Pawlu VI, l-għada stess tal-istqarrija, numru kbir ta' għadam identifikat bħala dak ta' San Pietru jerġa' jitpoġġa lura fit-toqba ta' Ħajt G (loculus) f'konteníturi tal-ħġieġ f'ċerimonja qasira imma solenni fil-preżenza tal-Papa nnifsu, ta' Margherita Guarducci, tal-Professur Correnti, prelati oħra u nutar li ddokumenta kollox biex jidħol kollox fl-arkivju tal-Vatikan.

**Il-Kumitat Sezzjonali Partit Nazzjonalista Birżebbuġa jawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd**

*Il-Bar ikun miftuħ kull nhar ta' Ħadd filgħodu għal atmosfera familjari, drinks ġenwini u appetizers*

**Facebook:** Partit Nazzjonalista - Birzebbuga **Mobile:** 7984 2585
**Email:** pnbirzebbuga@gmail.com